

Xiri soċjali

Gwida sabiex jitqiesu
l-kunsiderazzjonijiet soċjali
fl-akkwisti pubbliċi



Ewropa Soċjali



Il-Kummissjoni Ewropea

Din il-pubblikazzjoni hija kkummissjonata skont il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjieg u s-Solidarjetà Soċjali (2007-2013). Dan il-programm jitmexxa mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjieg, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea. Għe stabbilit biex l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjieg u l-affarijiet soċjali tkun appoġġata finanzjarjament, kif stipulat fl-Aġenda Soċjali, u b'dan għalhekk ikun qed jingħata kontribut f'dawn l-oqsma għall-kisba tal-għanijiet tal-EWROPA 2020.

Il-Programm ta' seba' snin jidentifika l-partijiet interessati kollha li jistgħu jgħinu fit-tfassil tal-iżvilupp tal-impjieg u l-leġiżlazzjoni soċjali u l-linji politiċi xierqa u effettivi, madwar l-UE-27, l-EFTA-ŻEE u l-pajjiżi kandidati u pre-kandidati tal-UE.

Il-missjoni PROGRESS għandha ssaħħaħ il-kontribut tal-UE bħala appoġġ għall-impenji u l-isforzi tal-Istati Membri biex jinħolqu aktar impjieg u impjieg aħjar u biex tinbena soċjetà aktar koeżiva. Għal dan l-għan, PROGRESS hija strumentali biex:

- tipprovdi analiżi u pariri fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- tissorvelja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-linji politiċi tal-UE fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- tippromwovi t-trasferiment ta' linji politiċi, it-tagħlim u l-appoġġ fost l-Istati Membri dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE; u
- twassal il-fehmiet tal-partijiet interessati u tas-soċjetà b'mod ġenerali

Għal aktar informazzjoni ara:

<http://ec.europa.eu/progress>

Xiri soċjali

Gwida sabiex jitqiesu

l-kunsiderazzjonijiet soċjali

fl-akkwisti pubbliċi

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq

Taqsim D.2

Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern u s-Servizzi

Taqsim C.3

Manuskritt li tlesta f' Ottubru 2010


Dokument imfassal fuq il-bażi ta' SEC(2010) 1258 [final]. La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Avviż importanti

Għalkemm l-informazzjoni f'din il-Gwida għet iċċekkjata b'attenzjoni kbira, il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta ebda responsabbiltà rigward il-każijiet speċifiċi msemmija fiha.

Din il-Gwida hija dokument ta' ħidma indikattiv tal-persunal tal-Kummissjoni u ma tistax titqies bħala vinkolattiva fuq il-Kummissjoni fi kwalunkwe mod. Hija suġġetta wkoll għall-evoluzzjoni tal-prattika tal-Kummissjoni u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

© ritratti tal-qoxra



- 1: 123RF
- 2: Getty Images
- 3: 123RF
- 4: 123RF

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek
issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek
dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux
aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati
jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-18396-6

doi:10.2767/18285

© L-Unjoni Ewropea, 2011

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Werrej

Introduzzjoni	5
I. Xiri soċjali: kwistjonijiet ewlenin	7
1. Akkwist pubbliku b'responsabbiltà soċjali (APRS): definizzjoni	7
2. Il-benefiċċji potenzjali tal-APRS	9
2.1. Assistenza tal-konformità mal-liġi soċjali u tax-xogħol, inkluż impenji ta' politika/aġendi nazzjonali u internazzjonali relatati	9
2.2. Stimulazzjoni ta' swieq soċjalment konxji	9
2.3. Wiri ta' governanza li jkollha għeruf soċjali	10
2.4. Stimulazzjoni ta' integrazzjoni	10
2.5. Żgurar ta' nefqa pubblika effettiva	10
3. L-APRS u l-mudell soċjali tal-UE	10
4. L-approċċ legali u ta' politika għall-APRS fl-UE	11
4.1. L-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE	11
4.2. L-approċċ legali u politiku għall-APRS fl-UE	11
4.3. Servizzi soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali	12
4.4. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju	13
II. Strateġija organizzattiva għal xiri soċjali	15
1. Twaqqif tal-għanijiet tal-akkwist pubbliku b'responsabbiltà soċjali	15
2. Il-provvediment ta' livell għoli ta' impenn politiku u tmexxija għall-APRS	15
3. Kejl tar-riskji u l-għoti ta' prijorità lil kategoriji organizzattivi ta' nfiq sabiex jiġu msaħħa r-riżultati soċjali	16
4. Tqajjim ta' kuxjenza dwar l-APRS u l-involvement tal-partijiet interessati ewlenin	18
5. Implimentazzjoni tal-istrateġija tal-APRS	19
6. Il-kejl tal-implimentazzjoni effettiva	19
7. Ħarsa ġenerali lejn il-proċess tal-akkwisti	19
7.1. L-importanza tal-parir legali	20
7.2. Preparazzjoni tal-proċedura ta' akkwist	20
8. Stadji tal-proċedura ta' akkwist u approċċi għall-APRS	20
III. L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-ippjanar tal-akkwist	23
1. L-importanza tal-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet attwali	23
2. Definizzjoni tas-suġġett	23
3. Żieda fl-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist	25
3.1. Titjib fl-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist	25
3.2. Twarrib għal workshops protetti	27

IV. Il-kuntratt.....	29
A) Definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-kuntratt.....	29
1. Tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.....	29
2. L-użu ta' speċifikazzjonijiet ibbażati fuq ir-rendiment jew funzjonali	30
3. Użu ta' varjanti.....	30
4. Tikketti soċjali u l-implikazzjonijiet għall-kummerċ etiku	31
5. Il-kunsiderazzjoni tat-tħassib soċjali fil-produzzjoni u l-metodi ta' proċedura	33
6. Speċifikazzjonijiet ta' diżabilità u tekniċi	33
B) Għażla tal-fornituri, fornituri tas-servizzi u kuntratturi	35
1. Kriterji ta' esklużjoni	35
2. Kapaċità teknika.....	35
Ċ) L-aġġudikazzjoni tal-kuntratt	37
1. Regoli ġenerali għall-abbozzar ta' kriterji ta' aġġudikazzjoni u dwar kuntratti ta' aġġudikazzjoni	37
1.1. Kundizzjonijiet li japplikaw għall-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt fl-evalwazzjoni tal-offerti	38
1.2. Il- 'kriterju addizzjonali'.....	40
2. Indirizzar ta' 'offerti baxxi b'mod mhux normali'	41
3. Għoti ta' feedback lill-offerenti li ma ntgħażlux.....	42
D) Eżekuzzjoni ta' kuntratt.....	43
1. Regoli li jirregolaw il-klawsoli għall-esekuzzjoni tal-kuntratt.....	43
2. Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet soċjali li jistgħu jiġu inklużi fil-klawsoli ta' esekuzzjoni ta' kuntratt.....	44
3. Konformità mal-qafas legali nazzjonali dwar l-impjigi	46
4. Il-ġestjoni tal-katina tal-provvisti	47
5. Ġestjoni tal-kuntratt u monitoraġġ tal-konformità	48

Introduzzjoni

L-akkwist pubbliku b'responsabbiltà soċjali (APRS) huwa dwar l-għoti ta' eżempju u l-influenzar tas-suq. Permezz tal-promozzjoni tal-APRD, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jagħtu lill-kumpaniji, inċentivi reali biex jiżviluppaw għestjoni b'responsabbiltà soċjali. Permezz tax-xiri bil-għaqaq, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jipromovu l-opportunitajiet ta' impjeg, ix-xogħol deċenti, l-inklużjoni soċjali, l-aċċessibbiltà, id-disinn għal kulħadd, il-kummerċ etiku, u jfittxu li jiksbu konformità usa' ma' standards soċjali. Għal xi prodotti, xogħlijiet u servizzi, l-impatt jista' jkun partikolarment sinifikanti, minħabba li x-xerrejja pubbliċi jkollhom parti kbira tas-suq (eż. fil-kostruzzjoni, is-servizzi tan-negozju, I-T u l-bqija). Ġeneralment, l-awtoritajiet pubbliċi huma konsumaturi ewlenin fl-Ewropa, u jonfqu madwar 17% tal-prodott gross domestiku tal-UE (somma ekwivalenti għal nofs il-PDG tal-Ġermanja). Għalhekk, billi jużaw il-poter tax-xiri tagħhom sabiex jagħżlu oġġetti u servizzi li jagħtu wkoll riżultati soċjali tajba, huma jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-bażi legali għall-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea hija pprovduta permezz tad-Direttivi 2004/17/KE¹ u 2004/18/KE² (id-'Direttivi dwar l-Akkwisti')³, li joffru ambitu sabiex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali, sakemm b'mod partikolari dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt⁴ u jkunu proporzjonali għall-ħtiġijiet tiegħu u sakemm jiġu osservati l-prinċipji ta' valur għall-flus u aċċess ugwali għall-fornituri kollha tal-UE.

Dan is-suġġett għe żviluppat matul is-snin mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-2001⁵ u permezz ta' studju ppubblikat mill-Kummissjoni fl-2003 dwar id-diversità u l-ugwaljanza fl-akkwist pubbliku (http://ec.europa.eu/employment_social/fundamental_rights/public/arc_en.htm#Leaflets).

L-għan ta' din il-Gwida huwa (a) li tqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet kontraenti dwar il-benefiċċji potenzjali tal-APRS u (b) li tispjega b'mod prattiku l-opportunitajiet offruti mill-qafas legali eżistenti tal-UE sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jqsu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku tagħhom, u b'hekk tingħata attenzjoni mhux biss għall-prezz iżda wkoll għall-aħjar valur għall-flus. Waqt l-abbozzar ta' din il-Gwida, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod wiesa' lil awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri u lil ħafna partijiet interessati oħra.

Din il-Gwida għet prodott prinċipalment għall-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll bit-tama li tkun ta' ispirazzjoni wkoll għax-xerrejja tas-settur privat.

Għal raġunijiet prattiċi, din il-Gwida ssegwi pass, pass il-proċedura tal-akkwisti.

¹ Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (minn hawn 'il quddiem id-"**Direttiva 2004/17/KE**");

² Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (minn hawn 'il quddiem id-"**Direttiva 2004/18/KE**");

³ Id-Direttivi ta' Akkwist huma bbażati fuq il-prinċipji tat-Trattat u "in partikolari għall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-prodotti, il-prinċipju tal-istabbiliment ħieles u l-prinċipju tal-libertà li tipprovdj servizzi u l-prinċipji li jittnislu minn dawn, bħal ma huwa il-prinċipju tat-trattament ugwali, il-prinċipju ta' bla diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' għarfien reċiproku, il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-prinċipju tat-trasparenza". Id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi ta' Akkwist għandhom jiġu interpretati skont r-kemm ir-regoli u l-prinċipji msemmija preċedentement u kif ukoll skont regoli oħra tat-Trattat (ara Premessa 2 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Premessa 9 tad-Direttiva 2004/17/KE);

⁴ Jew, inkella, fir-rendiment tal-kuntratt, f'każijiet fejn il-kunsiderazzjonijiet soċjali huma inklużi fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt.

⁵ COM(2001) 566 dwar il-liġi tal-UE applikabbli għall-akkwist pubbliku u l-possibbiltajiet għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku.

I. Xiri soċjali: kwistjonijiet ewlenin

1. Akkwist pubbliku b'responsabbiltà soċjali (APRS): definizzjoni

1.1 "APRS" tfisser operazzjonijiet ta' akkwist li jqisu waħda jew aktar minn waħda mill-konsiderazzjonijiet soċjali li ġejjin: opportunitajiet ta' impjieg, xogħol deċenti, konformità mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali (inklużi persuni b'diżabbiltà), opportunitajiet indaqs, disinn ta' aċċessibbiltà għal kulħadd, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji ta' sostenibbiltà, inklużi kwistjonijiet kummerċjali etiči⁶ u konformità volontarja usa' ma' responsabbiltà soċjali korporattiva (RSK), filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji inkorporati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u d-Direttivi dwar l-Akkwisti. L-APRS jista' jkun strument b'saħħtu kemm għall-avanz tal-iżvilupp sostenibbli kif ukoll sabiex jintlaħqu l-għanijiet soċjali tal-UE (u tal-Istati Membri'). L-APRS ikopri spettru wiesa' ta' kunsiderazzjonijiet soċjali, li jistgħu jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti fl-istadju xieraq tal-proċedura tal-akkwisti. Il-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jiġu magħquda ma' kunsiderazzjonijiet ambjentali f'approċċ integrat tas-sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku⁷.

1.2 Sabiex jappoġġjaw il-politiki soċjali tagħhom, l-awtoritajiet kontraenti għandhom diversi modi ta' kif iqsu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku. **Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' kunsiderazzjonijiet soċjali potenzjalment rilevanti għall-akkwist pubbliku, soġġetta għal konformità mad-Direttivi dwar l-Akkwisti u l-prinċipji fundamentali tat-TFUE, hija stabbilita hawn taħt. Madankollu, ħafna mill-kunsiderazzjonijiet soċjali, skont in-natura tagħhom, jistgħu jiġu nklużi biss f'ċerti stadji tal-proċedura**

tal-akkwisti⁸. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddeċiedu każ b'każ liema konsiderazzjonijiet soċjali huma rilevanti għall-akkwist tagħhom, skont is-suġġett tal-kuntratt tagħhom u l-għanijiet tagħhom. Il-kunsiderazzjonijiet soċjali li ġejjin jistgħu jkunu rilevanti għall-akkwisti:

- Il-promozzjoni ta' 'opportunitajiet ta' impjieg', pereżempju:
 - il-promozzjoni tax-xogħol taż-żgħażaġh;
 - il-promozzjoni tal-bilanċ bejn is-sessi⁹ (eż. bilanċ fix-xogħol/ħajja, il-ġlieda kontra s-segregazzjoni settorjali u okkupazzjonali, eċċ.);
 - promozzjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg għanies qiegħda għal żmien twil u għall-ħaddiema anzjani;
 - politiki ta' diversità u opportunitajiet ta' impjieg għal persuni minn gruppi żvantaġġjati (eż. ħaddiema migranti, minoranzi etniċi, minoranzi reliġjużi, persuni li għandhom edukazzjoni baxxa, eċċ.);
 - promozzjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg għal persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta' ambjenti tax-xogħol inklussivi u aċċessibbli.
- Promozzjoni ta' 'xogħol deċenti'¹⁰:

Dan il-kunċett approvat b'mod universali huwa bbażat fuq il-konvinzjoni li n-nies għandhom id-dritt għal impjieg produttiv f'kundizzjonijiet ta' libertà, ekwità, sigurtà u dinjità umana. Erba' punti ugwalmment importanti u interdipendenti jiffurmaw l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti: id-dritt għal xogħol

⁶ Għal iktar dettalji, ara t-Taqsima 4 tal-Kapitolu IV ('Tikketti soċjali u l-implikazzjonijiet għall-kummerċ etiku').

⁷ F'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-akkwist pubbliku, ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni KUMM(2008) 400/2 'Akkwist pubbliku għal ambjentahjar' (http://ec.europa.eu/environment/gpp/pdf/com_2008_400.pdf) u d-dokument tas-servizzi tal-Kummissjoni 'Buying Green — Handbook on Green Public Procurement' (http://ec.europa.eu/environment/gpp/guideline_en.htm). Madankollu, il-Manwal dwar l-Akkwist Pubbliku Ambjentali ġie ppubblikat fl-2004 u ma jikkunsidra l-iżviluppi fl-liġi tal-UE minn dak iż-żmien.

⁸ Pereżempju, kunsiderazzjonijiet soċjali rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ġeneralment iktar xierqa li jiġu inklużi fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt, minħabba li ġeneralment ma jikkwalifikawx bħala speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji għall-għażla, skont it-tifsira tad-Direttivi tal-Akkwist. Min-naħa l-oħra, ġeneralment huwa iktar adattat li jiġu inklużi kunsiderazzjonijiet ta' aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

⁹ Il-kunċett tal-bilanċ bejn is-sessi ma jkoprix biss in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa f'ċerti setturi, iżda wkoll in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tal-irġiel f'ċerti setturi "ffemminati" bħall-kura tat-tfal u l-edukazzjoni bażika fl-iskejjel.

¹⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, COM(2006) 249 tal-24 ta' Mejju 2006, p. 2: 'L-għaqda b'dan il-mod tal-kompetittività ekonomika u l-ġustizzja soċjali hi fiċ-ċentru tal-mudell ta' żvilupp Ewropew. Il-kontribuzzjoni attiva għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti hi parti integrali ta' l-Aġenda Ewropea u ta' l-isforzi ta' l-UE biex jiġu pproġettati l-valuri, l-iskambju ta' l-esperjenza u l-mudell tagħha ta' żvilupp ekonomiku u soċjali integrat.' Ara wkoll l-impenn imġedded għall-aġenda tax-xogħol deċenti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 'Rapport dwar il-kontribuzzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti fid-dinja', SEC(2008) 2184, ibbażat fuq COM(2008) 412 finali.



produttiv u magħżul b'mod ħieles, prinċipji fundamentali u drittijiet fuq ix-xogħol, impjeg li jipprovdi dħul deċenti u protezzjoni soċjali u djalogu soċjali. Ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni huma meqjusin bħala kwistjonijiet trasversali dwar l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti. Fil-kuntest tal-APRS, għadd ta' kwistjonijiet jista' jkollhom rwol importanti, bħal:

- konformità mal-istandards bażiċi tax-xogħol¹¹;
 - paga deċenti;
 - djalogu soċjali;
 - is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
 - aċċess għal taħriġ;
 - l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-non-diskriminazzjoni;
 - aċċess għal protezzjoni soċjali bażika.
- Il-promozzjoni ta' konformità ma' *"drittijiet soċjali u tax-xogħol"*, bħal:
 - konformità mal-liġijiet nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi li jikkonformaw mal-liġi tal-UE;
- konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u l-promozzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi;
 - konformità mal-liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
 - għieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra (età, diżabbiltà, razza, reliġjon u twemmin, orjentazzjoni sesswali, eċċ) u l-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs.
- Appoġġ għall-*"inklużjoni soċjali"* u promozzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, bħal:
 - aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' akkwist għal kumpaniji li huma proprjetà ta' jew li jimjegaw persuni minn gruppi etniċi/ta' minoranza - kooperattivi, intrapriżi soċjali u organizzazzjonijiet mhux għall-profitt, pereżempju;
 - promozzjoni ta' impjegi li jappoġġjaw persuni b'diżabbiltà, inklużi fis-suq tax-xogħol miftuħ.

¹¹ L-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO jipprojbixxu x-xogħol furzat (Konvenzjonijiet 29 u 105) u l-impjeg tat-tfal (Konvenzjonijiet 138 u 182) u jstabilixxu d-dritt għal-libertà tal-assoċjazzjoni u għan-negozjar kollettiv (Konvenzjonijiet 87 u 98) u għal non-diskriminazzjoni f'termini ta' impjeg u okkupazzjoni (Konvenzjonijiet 100 u 111). Il-bażi legali għall-istandards tax-Xogħol Ewlenin huma t-tmien Konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO msemmija hawn fuq li ġew ratifikati mis-27 Stati Membri tal-UE kollha.

- Promozzjoni tal-*'aċċessibilità u d-disinn għal kulħadd'*¹², bħal:
 - dispożizzjonijiet obligatorji fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jiżguraw l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għal, pereżempju, servizzi pubbliċi, bini pubbliċi, trasport pubbliku, informazzjoni pubblika u oġġetti u servizzi tal-ICT, inkluż applikazzjonijiet ibbażati fuq l-internet. Il-kwistjoni prinċipali hija li jinxtraw oġġetti u servizzi li huma aċċessibbli għal kulħadd.
- Kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ta' "kummerċ etiku"¹³, bħal:
 - il-possibilità, taħt ċerti kundizzjonijiet¹⁴, li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet ta' kummerċ etiku fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti.
- Tiftix li jinkiseb impenn volontarju usa' għar-*'responsabilità soċjali korporattiva'* (RSK), jiġifieri kumpaniji li jaġixxu b'mod volontarju u li jmorru lil hinn mil-liġi sabiex tilħaq għanijiet ambjentali u soċjali fin-negozju ta' kuljum tagħhom, bħal:
 - ħidma ma' kuntratturi sabiex jissaħħaħ l-impenn għall-valuri tal-RSK.
- Il-ħarsien kontra l-abbuż tad-*drittijiet tal-bniedem* u l-inkoraġġiment tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

- Il-promozzjoni tal-*'SMEs'* safejn dawn jistgħu jiġu konnessi mal-kunsiderazzjonijiet stipulati hawn fuq:
 - dispożizzjonijiet li jaġhtu lill-SMEs aċċess akbar għall-akkwisti pubbliċi billi jitnaqqsu l-ispejjeż u/jew il-piż tal-parteċipazzjoni fl-opportunitajiet tal-APRS. Dan jista' jintlaħaq, pereżempju, billi jiġi żgurat, fejn ikun possibbli, li d-daqs tal-kuntratt mhuwiex ostakolu fih innifsu għall-parteċipazzjoni tal-SMEs, billi jingħata biżżejjed żmien sabiex jiġu ppreparati l-offerti, billi jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin, billi jiġu stabbiliti rekwiżiti proporzjonati ta' kwalifika u ekonomiċi, eċċ.;
 - opportunitajiet indaqs billi l-opportunitajiet ta' subkuntrattar isiru aktar viżibbli.

L-istejtus ta' dawn l-għanijiet ta' politika soċjali jiddifferixxi b'mod ċar kemm fil-liġi tal-UE kif ukoll fi Stati Membri differenti. Pereżempju, f'xi setturi hemm dispożizzjonijiet obligatorji dwar aċċessibilità li jmorru lil hinn mill-ħtiġijiet tal-liġi tal-UE f'xi Stati Membri, iżda mhux f'oħrajn.

2. Il-benefiċċji potenzjali tal-APRS

2.1. Assistenza tal-konformità mal-liġi soċjali u tax-xogħol, inkluż impenji ta' politika/aġendi nazzjonali u internazzjonali relatati

L-APRS jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-konformità mal-impenji nazzjonali jew internazzjonali għall-miri ta' żvilupp soċjali, minħabba li hemm tħassib li qiegħed jidied dejjem iżjed f'bosta pajjiżi li l-mekkaniżmi tradizzjonali għall-inkoraġġiment tal-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni soċjali mhumiex adegwati. L-APRS jista' juri kif il-kunsiderazzjonijiet soċjali u ekonomiċi jistgħu jirrinforzaw lil xulxin.

2.2. Stimulazzjoni ta' swieq soċjalment konxji

L-APRS jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq fi prodotti ta' benefiċċju soċjali billi jespandi s-swieq eżistenti jew joħloq swieq ġodda għal prodotti u servizzi li jappoġġjaw l-ilħuq ta' għanijiet soċjali u jservu bħala mudell għal konsumaturi oħrajn billi joffru standards u informazzjoni. Fil-fatt, l-akkwist pubbliku soċjali

¹² Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet tirrikonoxxi l-aċċessibilità bħala wieħed mill-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 (il-"Konvenzjoni"). Barra minn hekk, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi l-obbligi tal-Partijiet tal-Istati li jiżguraw aċċess għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji u sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u għal faċilitajiet u servizzi oħrajn miftuħa jew ipprovduti lill-pubbliku, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni titlob ukoll miżuri biex jimplementaw id-'disinn universali'. Fl-Ewropa dan il-kunċett huwa ta' spiss magħruf bħala 'disinn għal kulħadd'.

Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata minn ammont sinifikanti ta' membri tan-NU (inkluż il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri kollha) u bħalissa qiegħda tiġi ratifikata mill-firmatarji. F'Awwiżsu 2008, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti għal deċizzjonijiet tal-Kunsill għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni tan-NU u Protokoll mhux Obligatori tagħha. Fis-26 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tirrigwarda l-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità: <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/09/st15/st15540.en09.pdf>.

¹³ Il-fatt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-kummerċ etiku fl-akkwist pubbliku ġie indirizzat fil-Komunikazzjoni COM (2009) 215 tal-5 ta' Mejju 2009 "Kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli: Ir-rwol tal-Kummerċ Ġust u skemi ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità mhux governattivi u relatati mal-kummerċ."

¹⁴ Għal dawn il-kundizzjonijiet, ara l-Kapitolu IVA dwar 'Id-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-Kuntratt', b'mod partikolari t-Taqsima 4 ('Tikketti soċjali u l-implikazzjonijiet għall-kummerċ etiku').

jista' jgħin biex joħloq kundizzjonijiet ugwali fl-Ewropa u ekonomiji ta' skala. L-innovazzjoni tas-suq tista' tiġi stimulata, bħalma tista' tiġi stimulata l-kompetizzjoni fuq livell Ewropew, permezz ta' pereżempju, ix-xiri ta' teknoloġiji ta' informazzjoni li huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilità, li jġib prodotti aħjar u disponibbli bi prezzijiet aktar aċċessibbli bħal dawn fis-suq.

2.3. Wiri ta' governanza li jkollha għeruq soċjali

L-APRS jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-konformità mal-valuri u l-ħtiġijiet tal-komunità, kif dan iwieġeb għad-domanda pubblika li dejjem qiegħda tikber sabiex il-gvernijiet ikunu soċjalment responsabbli fl-azzjonijiet tagħhom. Pereżempju, billi tiżgura li kuntratt għal servizz soċjali jqis il-ħtiġijiet tal-utenti kollha (bħall-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità jew persuni minn sfondi etniċi differenti), awtorità kontraenti tista' tissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità diversa li sservi.

2.4. Stimulazzjoni ta' integrazzjoni

L-intervent pubbliku xi kultant huwa mixtieq sabiex jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' gruppi sinifikanti fis-soċjetà (pereżempju, persuni b'diżabilità, negozji żgħar, nisa jew minoritajiet) f'attivitajiet ewlenin tas-suq sabiex jiġi żviluppat suq effettiv.

2.5. Żgurar ta' nefqa pubblika effettiva

Il-volum tal-akkwist pubbliku u l-limiti mqiegħda fuq l-intervent dirett soċjali minn strettezza baġitarja jistgħu jagħmlu l-akkwist, qasam attraenti għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

3. L-APRS u l-mudell soċjali tal-UE

- 3.1 Wieħed mill-benefiċċji ewlenin tal-APRS, kif diġà rajna, huwa li jista' jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jippromovi l-mudell soċjali Ewropew. Il-mudell soċjali Ewropew huwa viżjoni tas-soċjetà li jgħaqqad it-tkabbir ekonomiku sostenibbli mat-titjib fl-għajxien u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan deher li jinvolvi l-ħolqien ta' ekonomija ta' suċċess li fiha sett partikolari ta' standards soċjali jintlaħqu b'mod progressiv: impjegji ta' kwalità tajba, opportunitajiet indaqs, non-diskriminazzjoni, ħarsien soċjali għal kulħadd, inklużjoni soċjali, djalogu soċjali, relazzjonijiet industrijali ta' kwalità għolja u l-involviment ta' individwi fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom. Dawn l-istandards mhumiex biss importanti intrinsikament iżda huma wkoll fatturi kruċjali fil-promozzjoni tal-aħjar valur għall-flus u l-innovazzjoni.
- 3.2 L-istandards soċjali sar għandhom rwol ċentrali fil-bini tas-saħħa ekonomika tal-Ewropa, billi jiżviluppaw dak li ġie deskritt mill-istituzzjonijiet tal-UE bħala "mudell soċjali uniku"¹⁵. Il-progress ekonomiku u l-koeżjoni soċjali saru meqjusin bħala pilastri kumplimentari tal-iżvilupp sostenibbli u huma t-tnejn fil-qalba tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.
- 3.3 Kien hemm żieda fl-enfasi fl-UE dwar id-drittijiet soċjali u l-ugwaljanza, b'mod partikolari fil-post tax-xogħol. Minħabba li l-iżvilupp sostenibbli għadda lil hinn mill-kwistjonijiet ambjentali għall-kwistjonijiet soċjali, l-istandards soċjali ġew identifikati dejjem aktar bħala fattur wieħed fil-moviment dejjem jiżdied għar-responsabbiltà soċjali korporattiva. Jekk jittieħed l-eżempju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm fuq livelli tal-Ewropa kif ukoll fuq livell nazzjonali, l-ugwaljanza bejn is-sessi qiegħda issir dejjem aktar 'integrata', li jfisser li l-perspettiva tas-sessi ġiet integrata b'mod progressiv f'kull stadju tal-politiki, proċessi u prattiki istituzzjonali, mid-disinn għall-implimentazzjoni, monitoraġġ jew evalwazzjoni.

¹⁵ Ara, pereżempju, id-daħla għall-Komunikazzjoni dwar l-Aġenda tal-Politika Soċjali.

4. L-approċċ legali u ta' politika għall-APRS fl-UE

4.1. L-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE

Matul l-aħħar għoxrin sena, l-UE żviluppat id-dimensjoni soċjali tagħha sa grad sinifikanti, inkorporata fl-2008 permezz tal-Aġenda Soċjali mġedda¹⁶. Il-ħaġa importanti dwar dawn l-iżviluppi hija li l-APRS issa jista' dejjem aktar jippromovi l-politika fil-livell tal-UE, inkluż l-interazzjoni tiegħu mal-politika internazzjonali. F'xi oqsma l-UE adottat leġiżlazzjoni b' mod partikolari dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza, età, orjentazzjoni sesswali, diżabilità u twemmin reliġjuż u ieħor, kif ukoll fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-informazzjoni u konsultazzjoni. Fuq il-bażi ta' għadd ta' dispożizzjonijiet fit-TFUE, issa hemm leġiżlazzjoni estensiva tal-UE li tittratta t-trattament ugwali, kif ukoll il-promozzjoni fuq livell Komunitarju tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Minbarra l-leġiżlazzjoni, l-UE qiegħda tiżviluppa wkoll id-dimensjoni soċjali tagħha permezz ta' mezzi oħra, bħal pereżempju permezz tal-promozzjoni tad-dialogu soċjali, il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għal politiki tal-impjieg, protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali, flimkien ma' appoġġ finanzjarju mill-Fond Soċjali Ewropew. L-għan ewleni tal-UE huwa li tkompli żżid l-istandards soċjali f'diversi aspetti, b' mod partikolari meta l-istandards soċjali huma wkoll drittijiet fundamentali.

Barra minn hekk, fi żminijiet differenti matul dan l-aħħar ftit snin, xi organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali pproduċew manwali għall-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi dwar l-għoti ta' kuntratti f'setturi speċifiċi (catering, tindif, sigurtà privata u tessuti), ibbażati fuq il-qafas legali applikabbli fil-ħin tal-kitba¹⁷. Dawn il-manwali settorjali huma r-riżultat tal-ħidma indipendenti mill-imsieħba soċjali fi ħdan il-proċess ta' djalogu soċjali Ewropew u jenfazzjaw l-importanza ta' gwida



teknika dwar l-użu tal-APRS f'dawk is-setturi speċifiċi. Sadanittant, il-qafas legali tal-UE evolva u gwida aktar komprensiva u aġġornata hija issa meħtieġa sabiex taċċerta li l-prattika tal-akkwisti tikkonforma għal kollox mal-liġi attwali tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi. Dan huwa l-għan ta' din il-Gwida.

4.2. L-approċċ legali u politiku għall-APRS fl-UE

Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat strateġija għal kjarifika tal-ambitu tal-APRS. Fil-Komunikazzjoni interpretattiva tagħha tal-15 ta' Ottubru 2001, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-possibiltajiet offruti mil-liġi Komunitarja sabiex tintegra kunsiderazzjonijiet soċjali fil-proċeduri tal-akkwisti pubbliċi.¹⁸ L-għan ta' din il-Komunikazzjoni kien 'li tiċċara l-firxa ta' possibiltajiet taħt il-qafas legali Komunitarju eżistenti għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi. Din tfttx b' mod partikolari li tipprovdi interazzjoni dinamika u pożittiva bejn il-politiki ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, li jirrinforzaw lil xulxin b' mod reċiprodu. Kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat aktar daww il-possibiltajiet f'serje ta' każijiet stabbiliti¹⁹.

¹⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'Aġenda soċjali mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21', COM (2008) 412 finali tat-2 ta' Lulju 2008.

¹⁷ Catering: 'Gwida għall-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġjuża fil-kuntratti tal-catering' (2006); Tindif: 'Għażla tal-aħjar valur - Manwal għall-organizzazzjonijiet li jagħtu kuntratti għas-servizzi ta' tindif' (2004); Sigurtà privata: 'Għażla tal-aħjar valur - Manwal għall-organizzazzjonijiet li jagħtu kuntratti għal servizzi ta' għassa privata' (1999); Tessuti: 'Gwida għall-għoti ta' akkwist pubbliku għas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ' (2005).

¹⁸ Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Komunitarja Applikabbli għall-Akkwist Pubbliku u l-Possibiltajiet għal Integrazzjoni tal-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwist Pubbliku, KUMM (2001) 566 finali, 15.10.2001.

¹⁹ Pereżempju, sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2002 fil-każ C-513/99 (*Concordia Bus*) u tal-4 ta' Diċembru 2003 fil-każ C-448/01 (*Wienstrom*).

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti adottati fil-31 ta' Marzu 2004 ikkonsolidaw il-qafas legali. Huma jsemmu b'mod speċifiku modi ta' inkorporazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fi speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti u klawnsoli tar-rendiment ta' kuntratt. Ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida dwar workshops għall-ħaddiema b'diżabilità.

Il-Direttivi dwar l-Akkwisti ma japplikawx għall-kuntratti pubbliċi kollha. Xi awtoritajiet kontraenti adottaw politiki tal-APRS li japplikaw speċifikament għal kuntratti li mhumiex koperti mid-Direttivi dwar l-Akkwisti (bħal kuntratti taħt il-limiti għall-applikazzjoni tad-Direttivi) jew huma biss parzjalment koperti (bħal kuntratti għal servizzi li jaqsbu l-limiti ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwisti elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE u fl-Anness XVII B tad-Direttiva 2004/17/KE).

Din il-Gwida tiffoka fuq li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fil-kuntratti pubbliċi li huma koperti kompletament mid-Direttivi dwar l-Akkwisti. Hija ma tindirizzax fid-dettall ir-regoli tat-TFUE applikabbli għall-inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali f'kuntratti li mhumiex koperti jew li huma koperti biss parzjalment mid-Direttivi dwar l-Akkwisti (bħal dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti).

Madankollu, għandu jingħad ukoll li, fil-każ ta' kuntratti bħal dawn, l-awtoritajiet kontraenti jibqgħu ħielsa (bla ħsara għal-leġislazzjoni nazzjonali f'dak il-qasam) biex iqisu (jew le) kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali fil-proċeduri ta' akkwist tagħhom, sakemm dawn jikkonformaw mar-regoli u prinċipji ġenerali tat-TFUE. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li r-regoli tas-suq intern **fit-TFUE japplikaw ukoll għal kuntratti li jaqgħu barra l-ambitu tad-Direttivi dwar l-Akkwisti**²⁰. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipji

tat-TFUE dwar it-trattament ugwali u t-trasparenza, il-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi japplikaw ukoll għal kuntratti taħt il-limiti stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwisti.

Konsegwentement, kunsiderazzjonijiet soċjali li huma legalment aċċettabbli fil-kuntratti ta' akkwist koperti kompletament mid-Direttivi dwar l-Akkwisti jistgħu, *a fortiori*, jiġu inklużi fil-kuntratti tal-akkwist li mhumiex koperti jew li huma koperti biss parzjalment mid-Direttivi.

4.3. Servizzi soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali

Din il-Gwida ma tindirizzax b'mod speċifiku l-kwistjonijiet legali marbuta ma' akkwisti ta' servizzi soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali.

F'Novembru 2007, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, inkluż servizzi soċjali ta' interess ġenerali²¹, li tenfasizza l-importanza li jitqiesu l-kriterji kwalitattivi mfassla apposta fl-għoti tas-servizzi soċjali. Din timmira li tipprovdi gwida Prattika dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għal dawn is-servizzi. Il-Komunikazzjoni kienet akkumpanjata minn żewġ Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jirrispondu għal serje ta' domandi relatati mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat u dwar l-akkwist pubbliku għas-servizzi ta' interess ġenerali²². Ħafna minn dawn id-domandi nġabru matul konsultazzjonijiet wiesgħin fil-perjodu ta' 2006-2007 dwar is-servizzi soċjali. Sabiex isegwi l-Komunikazzjoni, f'Jannar 2008 twaqqaf ukoll servizz ta' informazzjoni interattiv (SII) biex iwieġeb għal domandi oħrajn miċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri tas-servizzi rigward l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE²³.

²⁰ Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2000 fil-każ C-324/98 (*Telaustria*).

²¹ Ara l-Komunikazzjoni dwar 'Servizzi ta' interess ġenerali, inkluż servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid': COM (2007) 725 finali tal-20 ta' Novembru 2007.

²² http://ec.europa.eu/services_general_interest/faq_en.htm. Il-Karta ta' Ħidma tal-Persunal rigward l-applikazzjoni ta' regoli ta' akkwist pubbliċi għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fiha gwida utli dwar l-applikazzjoni ta' regoli ta' akkwist pubbliċi għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali.

²³ http://ec.europa.eu/services_general_interest/registration/form_en.html.

4.4. Intrapriżi żgħira u ta' daqs medju²⁴

Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati diversi kwistjonijiet f'dak li jirrigwarda l-SMEs (kemm jekk għandhom l-għan li jagħmlu profitt kif ukoll jekk le). Kwistjoni partikolarment importanti tirrigwarda l-piżijiet potenzjali²⁵ li l-adozzjoni ta' approċċi tal-APRS jistgħu jqiegħdu fuq l-SMEs direttament (jekk ikunu l-kuntratturi prinċipali) jew indirettament (jekk ikunu subkuntratturi li fuqhom ikunu ġew ittrasferiti l-obbligi tal-APRS mill-kuntrattur ewleni).

L-awtoritajiet pubbliċi li jikkontemplaw l-introduzzjoni tal-APRS għandhom ikunu konxji ta' dawn l-ispejjeż diretti u indiretti u għandhom iqisuhom meta jiddeċiedu kif jew jekk jinkorporawx konsiderazzjonijiet soċjali²⁶ fl-operazzjonijiet ta' akkwist tagħhom. L-awtoritajiet kontraenti jeħtieġ ukoll li jkunu konxji li l-introduzzjoni tal-APRS probabbli ma taffettwax kull SME bl-istess mod. Xi uħud jistgħu jkunu aktar kapaċi minn oħrajn sabiex igawdu mill-benefiċċji tal-APRS u jaħtfu l-opportunitajiet sabiex jikkompetu fuq l-aspetti tal-istandards soċjali tal-kuntratt.



²⁴ L-SMEs ġew definiti fil-livell tal-UE permezz tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju: http://ec.europa.eu/enterprise/enterprise_policy/sme_definition/index_en.htm.

²⁵ Għal linji gwida prattiki dwar kif tagħmel il-prattiki tal-akkwist pubbliku aktar faċli u aċċessibbli għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) b'mod ġenerali, ara d-Dokument ta' F'idma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC (2008) 2193 'Kodiċi tal-aħjar prattiki li jiffaċilitaw l-aċċess mill-SMEs għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/sme_code_of_best_practices_en.pdf.

²⁶ Li għandhom, ovyament, ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt (jew mar-rendiment tal-kuntratt, fil-każijiet fejn dawn huma nklużi fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt).

II. Strateġija organizzattiva għal xiri soċjali

L-awtoritajiet pubbliċi li jixtu għal għanijiet soċjali permezz tal-APRS se jkun meħtieġa li jstabbilixxu strateġija għall-implimentazzjoni tal-APRS, li tiffoka fuq l-għanijiet speċifiċi tagħhom.

1. Twaqqif tal-għanijiet tal-akkwist pubbliku b'responsabbiltà soċjali

L-istrateġiji organizzattivi għall-APRS jistgħu jirriflettu l-prijoritajiet soċjali nazzjonali, reġjonali u/jew lokali²⁷ u fl-istess ħin espliċitament jirrikonnoxxu l-irwol li l-akkwist jilgħab fil-kontribuzzjoni għall-ilħuq tagħhom.

Eżempju:

Franza: L-*'Stratégie nationale du développement durable'* ġiet immedija fl-2003, segwita minn *'Plan national d'action pour des achats publics durables'* fl-2007. Il-gvern Franċiż kien involut f'konsultazzjonijiet ewlenin mal-imsieħba soċjali - l-*'Grenelle de l'environnement'* u l-*'Grenelle de l'insertion'* - li jkopru miżuri differenti b'impatt fuq l-integrazzjoni soċjali, inkluż l-akkwist pubbliku. L-għan huwa li jinbena madwar l-idea ċentrali tal-*'État exemplaire'*, jiġifieri l-Istat, u b'mod aktar ġenerali l-entitajiet pubbliċi kollha, huma mistennija li juru t-triq 'il quddiem għall-iżvilupp sostenibbli.

2. Il-provvediment ta' livell għoli ta' impenn politiku u tmexxija għall-APRS

It-tmexxija hija waħda mill-fatturi ta' suċċess ta' kwalunkwe strateġija tal-APRS. Din tinvolvi l-identifikazzjoni tal-istruttura ta' ġestjoni u r-riżorsi (umani u finanzjarji) meħtieġa biex jitwettaq l-APRS. L-APRS jeħtieġ tmexxija mill-quċċata nett tal-organizzazzjoni u jeħtieġ impenn politiku u tmexxija permezz tal-istrutturi ta' ġestjoni.

Fil-prinċipju, dan għandu jkun pjuttost faċli għall-awtoritajiet pubbliċi kollha sabiex jieħdu d-deċiżjoni politika li jixtru soċjalment. Fil-fatt, dawn għandhom jiġu mħeġġa biex jagħmlu hekk, minħabba li b'hekk ma tibenefikax is-soċjetà biss iżda wkoll l-awtorità kontraenti billi ttejjeb l-immaġni pubblika tagħha. Fil-prattika, politika ta' xiri soċjali normalment ma teħtieġ ebda bidla strutturali fuq il-parti tal-awtorità kontraenti.

Eżempju:

Ir-Renju Unit: Id-Dmir Lejn is-Sessi impost mill-awtoritajiet pubbliċi daħal fis-seħħ f'April 2007 taħt l-Att dwar l-Ugwaljanza (2006). Din hija għodda legali ġdida bil-potenzjal li oġġib progress sinifikanti fl-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur pubbliku, b'xi impatt fuq is-settur privat ukoll permezz tal-akkwist tagħhom.

Id-dmir lejn is-sessi tas-settur pubbliku jinkludi l-ħtieġa li tiġi żgurata konformità mal-Liġi dwar il-Ħlas Ugwali. Skemi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jpoġġu obbligu fuq l-awtoritajiet pubbliċi biex jadottaw għanijiet li jindirizzaw il-kawżi tad-diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi u jikkunsidraw modi kif għandhom jiġu trattati, eż permezz ta' tibdil fil-metodi ta' reklutaġġ, fl-introduzzjoni tax-xogħol flessibbli u t-twettiq ta' reviżjonijiet tal-pagi ugwali.

Id-dmir lejn is-sessi ta' bidu għal inizzjattivi f'ħafna partijiet tas-settur pubbliku u jilħaq it-termini ta' impjeg applikati mill-kuntratturi tas-settur privat. Għal dan l-għan, tfasslu linji gwida ta' akkwist sabiex jinkoraġġixxu lis-settur pubbliku jippromwovi prattika tajba dwar id-diversità u l-ħlas ugwali fost il-kuntratturi. Gwida dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-akkwist tas-settur pubbliku ġiet ippubblikata fi Frar 2006. Din stabbiliet diversi miżuri pożittivi li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iwettqu sabiex jikkonformaw mal-ħtiġijiet tad-dmir lejn is-sessi fil-funzjonijiet ta' akkwist. Kodiċi ta' prattika għal dan id-Dmir ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi ġie ppubblikat fl-2007.

²⁷ Ovvjament, dan ma jfissirx li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu preferenza lil prodotti lokali, reġjonali jew nazzjonali sabiex jiffavorixxu s-suq tax-xogħol lokali.

3. Kejl tar-riskji u l-għoti ta' prijorità lil kategoriji organizzattivi ta' nfiq sabiex jiġu msaħħa r-riżultati soċjali

L-awtoritajiet kontraenti jeħtieġ li jevalwaw ir-riskji soċjali u l-impatt tal-attività tax-xiri u l-katina ta' provvista tagħhom. Dan jgħin sabiex l-isforzi tagħhom jiġu ffokati fuq l-aktar kategoriji ta' nfiq importanti u fuq dawk li jistgħu jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-miri soċjali tagħhom.

Hawnhekk hawn xi suġġerimenti li awtoritajiet kontraenti għandhom jikkunsidraw meta jagħtu prijorità lill-approċċ tagħhom għall-APRS:

- Adotta approċċ pass-pass. Ibda b'firxa żgħira ta' prodotti u servizzi b'impatt soċjali ċar jew meta l-alternattivi b'responsabbiltà soċjali jkunu disponibbli faċilment u mhux aktar għaljin. Pereżempju, agħżel prodotti (eż. vetturi) jew servizzi (eż. tindif) li għandhom proporzjon għoli ta' ħaddiema vulnerabbli (minn minoritajiet etniċi, persuni b'diżabilità, eċċ) jew ta' ħaddiema nisa.
- Ibda wkoll billi taċċerta li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma jkollhom ebda impatt negattiv fuq il-kundizzjonijiet soċjali (eż. billi tevalwa l-impatt tal-privatizzazzjoni tal-kunsinna ta' servizzi fuq gruppi

Eżempju:

L-Isvezja: Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist pubbliku għall-SMEs, organizzazzjonijiet soċjali-ekonomiċi u volontarji li jaħdmu ma' gruppi soċjalment żvantaġġjati, l-Aġenzja Svediża għall-Assigurazzjoni Soċjali xi kultant tinkludi parteċipazzjoni minn dawn il-gruppi fl-istudju inizjali tagħha dwar l-akkwist, sabiex tkun tista' tikkunsidra aħjar il-problemi speċifiċi tagħhom meta tabbozza d-dokumenti ta' offerta. Sabiex jiġi identifikat r-riskju ta' nuqqas ta' konformità ma' standards soċjali, l-Aġenzija tanalizza r-riskji fil-bidu tal-akkwist. Pereżempju, fil-każ ta' akkwist ta' servizzi ta' tindif, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol huwa meqjus bħala għoli.

vulnerabbli) jew billi tirriżerva akkwisti xierqa għal workshops protetti u programmi ta' impjeg protetti²⁸, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' produzzjoni attwali tagħhom.

- Iffoka inizjalment fuq problema soċjali waħda jew iktar minn waħda, bħal pagi ġusti jew is-saħħa u s-sigurtà.
- Ikkunsidra d-disponibbiltà u l-ispiża ta' alternattivi soċjalment superjuri u kun żgur li jkunu konformi mar-regoli u l-prinċipji applikabbli għall-akkwist pubbliku. Hemm aktar modi b'responsabbiltà soċjali ta' kif jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija ta' akkwist minn dawk li adottat l-awtorità kontraenti? Dawn se jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti u din tkun tista' tħallas għalihom? Ikkunsidra liema spejjeż addizzjonali (jekk applikabbli) jistgħu jiżdedu mill-inklużjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali u l-effetti potenzjali tar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni.
- Ikkunsidra d-disponibbiltà tad-dejta. L-awtorità kontraenti tista' ssib id-dejta soċjali li teħtieġ sabiex tistabbilixxi strateġija ta' akkwist soċjalment aktar responsabbli? Kemm jista' jkun ikkumplikat li wieħed jiddeċiedi dak li l-awtorità kontraenti trid teknikament u li jesprimih f'sejħa għall-offerti?
- Ikkunsidra l-kapaċità tal-awtorità kontraenti li tqiegħed fis-seħħ programm operabbli, effettiv u effiċjenti ta' azzjoni rigward l-APRS.
- Ikkunsidra modi alternattivi ta' twassil tal-politika soċjali in kwistjoni. Il-kunsinna ta' din il-politika soċjali (parzjalment) permezz ta' akkwist pubbliku hija użu xieraq ta' riżorsi jew hemm mod aktar effettiv sabiex titwassal il-politika, permezz ta' għodod oħra għad-dispożizzjoni tal-awtorità kontraenti?
- Fittex viżibbiltà. Kemm sejra tkun viżibbli l-politika b'responsabbiltà soċjali għall-pubbliku u għall-persunal? Bidliet ta' profil għoli, bħall-qlib għal kafé prodott b'mod sostenibbli/kummerċ etiku fil-kafet-

²⁸ Fuq il-bażi tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE u tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/17/KE.



Eżempji:

Franza: Il-muniċipalit  ta' Angers innominat punt fokali intern (konsulent legali speċjalizzat) għall-akkwisti eko-responsabbli fl-2005, inkarigat mill-iżvilupp ta' prattiki ta' akkwist pubbliku b'responsabbilt  soċjali bl-għan li jagħmilhom prattika kompletament stabbilita fl-operazzjonijiet tal-akkwist tal-muniċipalit . Il-konsulent ipprova taħriġ intern dwar akkwist sostenibbli. G w offrutu tqajjim tal-kuxjenza u tutoring fuq l-aspetti tekniċi u legali fil-ħin tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, tal-preparazzjoni u t-tnedija tal-offerta u tal-analiżi u l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-intrapriżi. Fir-rigward tal-aspetti soċjali, il-muniċipalit  ta' Angers ġeneralment tqis ix-xogħlijiet u s-servizzi pubbliċi bħala setturi ta' prijorit , b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' bini, toroq pubbliċi u parks u g na pubbliċi.

Ir-Renju Unit: It-Task Force tal-Akkwisti Sostenibbli (TFAS) li jitratta kemm kwistjonijiet soċjali kif ukoll ambjentali twaqqaf f'Mejju 2005 u ppubblika l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu f'Ġunju 2006. Il-Pjan ta' Azzjoni ppreżenta l-każ kummerċjali għall-akkwisti sostenibbli, irrakkomanda azzjoni madwar sitt oqsma wesgħin u pprova żewġ għodod li jistgħu jgħinu lill-organizzazzjonijiet biex jagħmlu progress: il-Metodoloġija tal-Prijoritizzazzjoni u l-Qafas Flessibbli. Il-Metodoloġija ta' Prijoritizzazzjoni huwa approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jgħin lill-organizzazzjonijiet biex jiffokaw l-isforzi u r-riżorsi tagħhom b'mod xieraq. Minflok ma tintuża biss dejta dwar in-nefqa, il-metodu jippermetti lill-organizzazzjonijiet jikkunsidraw ir-riskju ambjentali u soċjo-ekonomiku, il-potenzjal li jkollhom biex jinfluwenzaw lill-fornituri u l-ambitu attwali biex titjeb is-sostenibbilt . Il-Qafas Flessibbli huwa mfassal sabiex jgħin lill-organizzazzjonijiet jifhmu l-passi meħtieġa fuq il-livell tal-proċess u organizzattiv sabiex itejbu l-prattika tal-akkwisti u jwettqu akkwisti sostenibbli.

teriji, jistgħu jgħinu sabiex iżidu l-għarfien dwar il-politika u jorbtuha ma' proġetti soċjali oħra.

- Ikkunsidra l-potenzjal għall-iżvilupp futur. Xiri b'responsabbilt  soċjali li jkollu fil-mira tiegħu lis-servizzi fi stadju bikri tal-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom jista' jkollu aktar suċċess milli kieku jippruwaw ibiddu l-karatteristiċi tas-setturi soċjali maturi.

It-tqegħid ta' politika tal-APRS fil-prattika għalhekk sejjer jeħtieġ ippjanar strateġiku, jiġifieri iffissar ta' prijoritajiet meta jintgħażlu l-iktar kuntratti xierqa għal APRS. Xi awtoritajiet kontraenti għażlu li jadottaw approċċ koordinat u ħolistiku għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali.

4. Tqajjim ta' kuxjenza dwar l-APRS u l-involvement tal-partijiet interessati ewlenin

L-APRS huwa ta' interess għal firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, li jeħtieġ li jkunu involuti fil-proċess ta' żvilupp tal-approċċ tal-APRS sabiex jiksibu fiduċja fih u biex jibnu impenn għall-ilħuq tal-għanijiet tiegħu. Partijiet interessati ewlenin fl-APRS jinkludu gvernijiet ċentrali, reġjonali u lokali, fornituri jew kuntratturi potenzjali, is-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u trade unions. Għandhom jiġu organizzati workshops, seminars u konferenzi sabiex jinġabru l-opinjoni dwar l-approċċ għall-

APRS. Dawn għandhom jiġu organizzati fi stadji varji tal-proċess tal-iżvilupp, jiġifieri fil-bidu nett tal-proċess meta jiġu fformulati l-ideat, matul l-abbozzar tal-approċċ u lejn l-aħħar, meta abbozz finali jista' jsir disponibbli.

Fl-aħħarnett, komunikazzjoni effettiva dwar il-benefiċċji tal-APRS, prattika tajba u stejjer ta' suċċess għandhom ukoll rwol ewleni sabiex isir il-progress. Huwa importanti ħafna li dawn il-partijiet interessati kollha jifhmu n-natura tal-isfida u r-rwol tagħhom. Permezz ta' sħubija immaġinattiva u impenjata bejn ix-xerrejja u l-kuntratturi għandhom jinkisbu riżultati aħjar.

Eżempji:

L-Isvezja: L-amministrazzjoni reġjonali għal-Lbiċ tal-Isvezja torganizza laqgħat qabel l-offerti miftuħa għall-offerenti potenzjali kollha sabiex tispjega kwalunkwe ħtieġa ta' 'disinn għal kulħadd' inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Ir-Renju Unit: Sabiex toħroġ b'rakkomandazzjonijiet dwar kif l-akkwist fis-settur pubbliku fir-Renju Unit jista' jinvolvi aħjar lill-SMEs, l-HM Treasury u d-Dipartiment għall-Intrapriża tan-Negożju u r-Riforma Regolarja nedew konsultazzjoni onlajn dwar domandi ewlenin dwar l-ostakoli għall-offerti għal kuntratti tal-SMEs. Il-konsultazzjoni saret disponibbli fuq websajt u stiednet risposti minn prokuraturi, gruppi interessati u fornituri. Sussegwentement, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, ġie stabbilit grupp ta' partijiet interessati li jżomm kuntatt regolari mat-timijiet tal-proġett responsabbli għall-implimentazzjoni u jista' jipprovdi kummenti dwar l-approċċ li għandu jittieħed.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' xiri huwa mod ieħor u ta' komunikazzjoni tal-politika fid-dinja esterna ta' kif jiżdied l-aċċess għall-kompetenza u għarfien soċjali

Eżempju:

Id-Danimarka: L-APRS huwa wieħed mit-temi koperti fl-analiżi tas-suq imwettqa minn *National Procurement Ltd* qabel kull sejħa għall-offerti. L-organizzazzjoni tmexxi programmi u workshops ta' taħriġ u workshops għall-fornituri kollha. Hija tipprova tissimplifika d-dokumentazzjoni tal-offerta kemm jista' jkun sabiex l-SMEs ikollhom ir-riżorsi wkoll biex iressqu offerta. Kuntratti qafas huma ta' spiss maqsumin f'diversi lottijiet (eż. fuq bażi ġeografika), mingħajr ma jiksru l-limiti stabbiliti mid-Direttivi dwar l-Akkwisti*, sabiex jagħtu ċans lill-fornituri biex iressqu offerta.

* L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/17/KE.

5. Implimentazzjoni tal-istrateġija tal-APRS

L-istrateġija tal-APRS sejra tkun meħtieġa li ttipprovdi dettalji ta' kif l-APRS sejjer jiġi implimentat u tal-passi li jeħtieġ li jittieħdu sabiex jagħmlu progress. L-istrateġija sejra teħtieġ li tikkunsidra fatturi bħal:

- il-qafas legali u regolatorju;
- il-qafas istituzzjonali;
- l-istruttura ta' ġestjoni;
- id-disponibbiltà tal-kapaċità professjonali u r-riżorsi;
- approċċ differenzjat skont is-settur, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari ta' kull qasam;
- l-involvement tal-partijiet interessati.

Fir-rigward ta' kif tiġi implimentata l-istrateġija, jeħtieġ li jingħataw dettalji dwar ir-responsabbiltajiet, miri bi skala ta' żmien realistika sabiex jinkisbu, l-istruttura ta' ġestjoni għall-implimentazzjoni tagħhom, ir-riżorsi professjonali u finanzjarji meħtieġa, u l-miżuri biex jiġi ssorveljat u rrapportat il-progress.

Il-passi li jeħtieġ li jittieħdu jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' task force ta' akkwist soċjali, it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni, inkluż l-APRS f'politiki u proċeduri, jew l-iżvilupp ta' linji gwida ssimplifikati għad-detenturi tal-baġit u għall-uffiċjali tal-akkwisti fuq il-livelli kollha.

Il-bini tal-kapaċitajiet jista' jinvolvi programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali eżekuttivi, il-manigġers u l-persunal. Dan jista' jinvolvi wkoll li jaqsmu bejniethom prattika tajba, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ħiliet għall-implimentazzjoni tal-APRS, inklużi ħiliet tal-APRS fil-kriterji tal-għażla tal-kandidati, u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar l-inizjattivi tal-APRS fuq livell tal-UE u/jew livell governattiv.

Il-persunal li jagħmel l-akkwisti għandu jingħata l-għarfien legali, finanzjarju u soċjali li jeħtieġ sabiex jiddeċiedi safejn u meta l-fatturi soċjali jistgħu jew ikunu jistgħu jiġu introdotti bl-aħjar mod fil-proċedura tal-akkwisti, jekk humiex stabbiliti fuq il-livell korrett sabiex

jinkiseb l-aħjar valur għall-flus, u jekk dawn jaqblux mal-prijoritajiet soċjali tal-awtorità kontraenti.

6. Il-kejl tal-implimentazzjoni effettiva

Il-kejl tal-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija tal-APRS u r-riżultat tagħha jinvolvi t-twaqqif ta' kontrolli interni u esterni, li għandu jivvaluta r-riżultati mqabbla mal-miri ddikjarati u l-istandards ta' rendiment.

Il-miżuri interni jeħtieġ li jiġu marbutin ma' sistemi eżistenti ta' rappurtar, li se jkollhom jiġu adattati biex jitqiesu l-għanijiet tal-APRS. Huma jeħtieġu wkoll li jkun marbuta ma' proċeduri ta' verifika interna u jistgħu jinkorporaw sanzjonijiet għal nuqqas ta' konformità ma' għanijiet tal-APRS.

Il-miżuri esterni għandhom jinkludu verifika indipendenti tar-rendiment tal-APRS. Huma jistgħu jinkludu wkoll valutazzjoni komparattiva ma' rendiment fil-passat jew ir-rendiment ta' organizzazzjonijiet oħra.

L-eżitu tal-verifiki tar-rendimenti tal-APRS għandu jkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali u għandu jikkontribwixxi għar-reviżjoni u l-aġġornament tal-politiki, għanijiet u l-proċeduri għall-APRS.

7. #arsa ġenerali lejn il-proċess tal-akkwisti

Meta jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi, huwa ssuġġerit li prokuraturi jaġixxu fir-rigward ta' żewġ kwistjonijiet prinċipali:

- li jinkiseb l-aħjar valur għall-flus;
- l-aġir b'mod ġust.

L-aħjar valur għall-flus: L-awtoritajiet kontraenti huma responsabbli sabiex jiksbu l-aħjar valur għall-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxi għal kull ma jakkwistaw. L-aħjar valur għall-flus ma jfissirx neċessarjament li tiġi aċċettata biss l-irħas offerta. Dan ifisser li l-awtorità kontraenti għandha tagħmel l-aħjar negozju fil-parametri li tis-



tabbilixxi. L-aħjar valur għall-flus jista' jiġi definit bħala l-aħjar taħlita ta' spiża u kwalità għall-ħajja kollha sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-utent finali. Il-valur għall-flus jista' jinkludi wkoll kunsiderazzjonijiet soċjali.

Aġir b'mod ġust: L-aġir b'mod ġust ifisser li jiġu segwiti l-prinċipji tas-suq intern, li jiffurmaw il-bażi għad-Direttivi dwar l-Akkwisti u l-leġiżlazzjoni nazzjonali bbażata fuqhom. L-aktar prinċipju importanti minn dawn kollha huwa l-prinċipju ta' trattament ugwali, li jstabblixxi li l-kompetituri kollha għandu jkollhom opportunità ugwali biex jikkompetu għal kuntratt. Sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet ugwali, għandu jiġi applikat ukoll il-prinċipju ta' trasparenza.

- Eżempji ta' dispożizzjonijiet li japplikaw il-prinċipju ta' trattament ugwali fid-Direttivi dwar l-Akkwisti huma l-limiti ta' żmien stabbiliti għar-riċeviment ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni, ir-regoli komuni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proj-bizzjoni fuq id-diskriminazzjoni kontra kuntratturi minn Stati Membri oħra.
- Eżempji ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza jistgħu jinstabu fid-dispożizzjonijiet differenti dwar il-pubblikazzjoni ta' avviżi u l-obbligu għall-awtoritajiet kontraenti li jagħtu informazzjoni lill-offerenti kkonċernati dwar ir-raġuni l-għala l-offerti tagħhom kienu ġew miċħuda.

7.1. L-importanza tal-parir legali

Ir-regoli tal-akkwisti tal-KE jistipulaw kif għandu jiġi ttrattat il-proċess tal-akkwisti biex jiġu salvagwardjati l-prinċipji tal-ġustizzja, non-diskriminazzjoni u trasparenza. Dawn ir-regoli jippermettu l-kunsiderazzjoni tas-sostenibbiltà u opportunitajiet indaqs taħt ċerti kundizzjonijiet. Parir legali espert minn kmieni dwar it-

twaqqif ta' pjan ta' azzjoni tal-APRS huwa probabbli li jevita diffikultajiet aktar 'il quddiem.

7.2. Preparazzjoni tal-proċedura ta' akkwist

L-istadju preparatorju ta' kwalunkwe proċedura ta' akkwist huwa kruċjali, minħabba li kull stadju jibni fuq dak ta' qablu. Għalhekk, qabel ma tinbda proċedura għall-offerti, l-awtorità kontraenti għandha twarrab biżżejjed żmien sabiex tiddefinixxi s-suġġett tal-kuntratt u l-mezzi li għandhom jintużaw sabiex jinkiseb ir-riżultat finali. Il-fażi preparatorja hija wkoll l-aħjar opportunità biex jiġi identifikat liema huma l-kunsiderazzjonijiet soċjali rilevanti u xierqa li għandhom jitqiesu f'dik il-proċedura partikolari.

8. Stadji tal-proċedura ta' akkwist u approċċi għall-APRS

Skont il-loġika ta' dan il-proċess, issa hemm mill-inqas erba' metodi bażiċi għal kif huma attwalment indirizzati l-kwistjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku.

L-ewwel wieħed japplika meta x-xerrej jiddeċiedi li jinkludi kriterji soċjali fis-suġġett tal-kuntratt innifsu u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu sso-disfati mill-kuntratturi li jirnexxu b'mod li jinkludi kriterji soċjali²⁹. Eżempju wieħed huwa li jiġi speċifikat li t-tagħmir tal-kompjuter għandu jikkonforma ma' ċerti kriterji ta' aċċessibilità.

Fit-*tieni* approċċ, l-offerenti huma pprojbiti, taħt ċerti kundizzjonijiet³⁰, milli jiksbu kuntratti tal-gvern jekk ikunu nstabu ħatja ta' mgħiba ħażina preċedenti sabiex jiġi evitat li entitajiet pubbliċi jikkuntrattaw ma' offerenti li ma kisbux standard partikolari ta' mgħiba soċjali.

It-*tielet* approċċ jipprova jipperswadi lill-offerenti biex jimpenjaw ruħhom għal ċerti standards soċjali u jikkun-

²⁹ Il-kundizzjonijiet skont liema l-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jitqiesu fis-suġġett tal-kuntratt u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma spjegati aktar tard fit-taqsimiet 'Definizzjoni tas-suġġett' u 'Definizzjoni tar-rekwiżiti tal-kuntratt'.

³⁰ Il-kundizzjonijiet skont liema l-awtoritajiet kontraenti jistgħu (jew, f'xi każijiet, huma obbligati li) jeskludu offerent mill-proċedura ta' akkwist huma spjegati aktar tard fit-taqsimi 'Kriterji ta' esklużjoni'.

sidra s-suċċess tagħhom biex jagħmlu dan fl-għoti ta' kuntratt. Forma waħda li dan jista' jkollu fil-prattika huwa fejn l-entità pubblika tikkunsidra ċerti kwistjonijiet soċjali fil-kriterji għall-għoti³¹.

Ir-raba' approċċ jiffoka fuq l-istadju wara li jkun ingħata kuntratt. Huwa jeħtieġ li min jingħata l-kuntratt jikkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet meta jwettaq il-

kuntratt ladarba jkun ingħata³². Dan il-mudell jeħtieġ li l-kuntratturi kollha jiffirmaw l-istess rekwiżit, għalkemm m'hemm l-ebda evalwazzjoni tal-kapaċità tal-kuntrattur biex jikkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet.

Dawn l-erba' approċċi bażiċi mhumiex neċessarjament alternattivi, iżda huma ta' spiss imħallta fl-istess proċedura ta' akkwist pubbliku.



Eżempju:

Spanja: Il-Gvern tal-Pajjiż Bask ħareġ 'istruzzjoni' dwar l-inkorporazzjoni ta' kriterji soċjali, ambjentali u oħrajn ta' politika pubblika fl-akkwist pubbliku permezz tal-amministrazzjoni tiegħu. Dan jistabbilixxi liema kriterji soċjali u ambjentali għandhom jiġu kkunsidrati fl-akkwist pubbliku kollu fir-reġjun u kif isir dan.

L-għan ewlieni tal-istruzzjoni: Sabiex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali (it-tnejn li huma parti mill-approċċ ta' sostenibbiltà) flimkien ma' aspetti oħra relatati ma' politiki pubbliċi oħra fl-akkwist pubbliku mill-entitajiet amministrattivi u pubbliċi fil-Pajjiż Bask.

Evalwazzjoni u monitoraġġ: Id-dipartimenti tal-Gvern Bask għall-impjegi, l-inklużjoni soċjali, l-affarijiet soċjali u l-ambjent jevalwaw perjodikament ir-rendiment fl-għoti tal-kuntratti. L-evalwazzjoni tinkludi l-kliem tal-ispeċifikazzjonijiet, kif dawn jiġu applikati fil-proċess tal-għoti u r-rendiment tal-kuntratt.

Speċifikazzjonijiet tekniċi: L-istruzzjoni tirrakkomanda li jiġu inkorporati r-rekwiżiti ta' Aċċessibilità u Disinn għal Kulħadd fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Kriterji għall-għoti: Kull meta jkun hemm iktar minn kriterju għall-għoti wieħed, dawn il-kriterji għandhom jinkludu li l-prodotti u s-servizzi għandhom ikunu adatti għall-persuni b'diżabilità (kull meta dan l-adattament jaqbeż il-minimu legali obbligatorju). Kull meta l-gruppi żvantaġġati jkunu fost il-benefiċjarji tas-servizzi definiti fis-suġġett tal-kuntratt, il-karatteristiċi relatati mat-twettiq tal-ħtiġijiet soċjali tagħhom se jrin jiġu inklużi fil-kriterji għall-għoti.

Klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt: L-istruzzjoni teħtieġ li l-kuntratt jinkludi klawsoli speċjali tar-rendiment: ambjentali, soċjali u relatati ma' politiki pubbliċi oħrajn. L-għanijiet tal-klawsoli speċjali tar-rendiment tal-kuntratt huma l-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa u s-sigurtà, il-promozzjoni tal-impjieg ta' gruppi żvantaġġati, it-tneħħija tal-inugwaljanza bejn is-sessi mis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad.

Eżempji ta' klawsoli ta' rendiment tal-kuntratt fil-Pajjiż Bask:

1. Inklużjoni tax-xogħol ta' persuni qiegħda li huwa diffiċli li jiġu impjegati: Għal dan il-għan, l-istruzzjoni tiddikjara li l-persunal li jwettaq il-kuntratt għandu jinkludi perċentwal stabbilit ta' persuni żvantaġġati, bħal persuni qiegħda, persuni b'diżabilità, nisa li għandhom aktar minn 30 sena li ilhom żmien twil bla xogħol, vittmi tal-vjolenza domestika, persuni b'mard mentali, ġenituri qiegħda waħedhom, immigranti li ilhom qiegħda għal mill-inqas sitt xhur, żgħażaġh qiegħda għal żmien twil (aktar minn sena) u żgħażaġh qiegħda
2. Kwalità tal-impjegi u d-drittijiet bażiċi tax-xogħol: Il-kuntrattur għandu jggarantixxi l-konformità mal-Istandards Ewlenin tax-Xogħol ILO matul ir-rendiment tal-kuntratt fir-rigward ta' ħaddiema li jagħmlu l-prodotti (is-suġġett tal-kuntratt) tul il-katina tal-provvista.
3. Saħħa u sigurtà fir-rendiment ta' kuntratti għal xogħlijiet ta' bini u servizzi.

³¹ Il-kundizzjonijiet skont liema l-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jitqiesu bħala kriterji għall-għoti huma spjegati aktar tard fit-taqsimha 'Għoti ta' kuntratt'.

³² Il-kundizzjonijiet skont liema l-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jitqiesu fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt huma spjegati aktar tard fit-taqsimha 'Rendiment tal-kuntratt'.

Żvilupp strateġiku u għoti ta' prijorità lill-inizjattivi tal-APRS — FIL-QOSOR

Identifika l-prijoritajiet nazzjonali u lokali rilevanti għall-APRS.

Irrevedi l-istrateġija tal-akkwisti tal-organizzazzjonijiet u identifika kif APRS huwa marbut ma' għanijiet u approċċi komuni. Identifika kif l-APRS jista' jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u jagħti valur għall-flus għall-organizzazzjoni.

Ipprovi impenn politiku u tmexxija ta' livelli għolja għall-APRS.

Identifika l-prodotti u s-servizzi li tikseb l-awtorità kontraenti li joħolqu l-akbar riskju soċjali u/jew li għandhom l-akbar kapaċità biex isaħħu l-eżitu soċjali.

Żviluppa għanijiet u pjan ta' azzjoni sabiex tindirizza l-kwistjonijiet soċjali fl-akkwist.

Qajjem kuxjenza dwar l-APRS fost il-partijiet interessati.

Żgura li l-prattiki tal-akkwist huma miftuħa għal korpi bħall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u s-settur volontarju u komunitarju, b'kull forma legali li jista' jkollhom.

III. L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-ippjanar tal-akkwist

1. L-importanza tal-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet attwali

Pass kruċjali li l-awtorità kontraenti jeħtieġ li tiegħu f'dan l-istadju preparatorju, anke qabel ma tiddefinixxi s-suġġett tal-kuntratt, huwa li tevalwa l-ħtiġijiet reali tagħha.

Pereżempju, l-awtorità kontraenti setgħet iddeċidiet li teħtieġ li tqassam informazzjoni lill-pubbliku. Kull meta jkun possibbli, dan għandu jinkludi soluzzjoni li tkun aktar inklużiva soċjalment, bħal tixrid ta' informazzjoni f'formati aċċessibbli li jistgħu jintużaw ukoll minn membri b'diżabilità tal-pubbliku.

Dan huwa l-istadju li fih is-settur pubbliku jista' jidentifika l-aħjar l-istandards soċjali li l-akkwist jista' jgħin biex jitwasslu. Huwa jeħtieġ li daww involuti fuq in-naħa tal-klijent, minn daww li jfasslu politika għall-prattikanti:

- ifittxu b'mod attiv opportunitajiet biex jippromovvov l-istandards soċjali;
- jiżguraw li l-opportunitajiet jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u li jkunu kost-effiċjenti;
- jiffukaw fuq l-effetti meħtieġa;

- jibnu fuq il-flessibilità sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet li qed jinbidlu matul il-ħajja tal-proġett³³;
- jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-kategoriji kollha ta' utenti tas-servizzi, xogħlijiet jew provvisti li għandhom jiġu akkwistati.

Għalhekk, sabiex tkun effettiva, l-awtorità kontraenti għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet tagħha b'mod funzjonali, sabiex ma teskludi ebda effetti soċjali.

2. Definizzjoni tas-suġġett

Ladarba l-awtorità kontraenti tkun evalwat il-ħtiġijiet tagħha, tkun tista' tiddetermina aktar faċilment is-suġġett tal-kuntratt. Is-'**suġġett ta' kuntratt huwa dwar il-prodott, is-servizz jew ix-xogħol li l-awtorità kontraenti tixteiq takkwista**. Meta jiddefinixxu s-suġġett ta' kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti għandhom libertà kbira biex jagħżlu dak li jixtequ jakkwistaw, inklużi oġġetti jew servizzi li jissodisfaw l-istandards soċjali, sakemm dawn l-istandards soċjali jkunu marbuta mal-provvisti, servizzi jew xogħlijiet attwali li jkunu sejrin jinxtraw (li jiffurmaw is-suġġett tal-kuntratt).



Eżempji:

L-istandards ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabilità jistgħu jkunu parti mis-suġġett ta' kuntratt tax-xogħlijiet għall-bini ta' skola, minħabba li jistgħu jiffurmaw parti mid-deskrizzjoni tax-xogħlijiet li l-awtorità kontraenti tixteiq tixtri u jkunu marbuta magħhom.

- Min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li qed jibnu l-skola ma jistgħux jiffurmaw parti mis-suġġett tal-kuntratt, iżda biss mill-mod ta' kif jitwettaq il-kuntratt ta' akkwist. Madankollu, jistgħu jiġu nklużi rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, taħt ċerti ċirkostanzi^{*}, fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt.
- Fil-kuntratti għas-servizzi, l-awtorità kontraenti tista' tispeċifika fis-suġġett li s-servizzi pprovduti għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kategoriji kollha tal-utenti, inklużi daww li huma soċjalment żvantaġġati jew esklużi.

* Il-klawsoli kollha ta' rendiment tal-kuntratt, inklużi daww relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol jeħtieġu li jkunu b'mod partikolari marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt u, għal raġunijiet ta' trasparenza, għandhom jiġu ppubblikati bil-quddiem fl-avviż tal-offerta. Għal aktar dettalji, ara t-taqsim 'Regoli li jirregolaw il-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt'.

³³ Sakemm dan it-tibdil fil-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt ta' akkwist kienu previsti fil-kuntratt tal-offerta inizjali jew huma ġġustifikati permezz ta' waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fid-Direttivi dwar l-Akkwisti (b'mod partikolari, l-Artikoli 31 u 61 tad-Direttiva 2004/18/KE dwar l-għoti tal-provvisti, servizzi jew xogħlijiet addizzjonali) u jikkonformaw ma' kwalunkwe regoli nazzjonali addizzjonali li jistgħu jeżistu fuq din il-kwistjoni.



L-aċċessibbiltà, pereżempju, hija ħafna drabi inkorporata bħala karatteristika tal-merkanzija jew servizzi li qed jin-xtraw. Dan ix-xiri għandu jsir mingħajr ma jkun hemm tgħawwiġ fis-suq, jiġifieri mingħajr ma jiġi limitat jew imfixkel l-aċċess għalih. Il-proċess ta' determinazzjoni ta' x'inhu s-suġġett tal-kuntratt ġeneralment jirriżulta f'deskrizzjoni bażika tal-prodott, servizz jew xogħol, iżda jista' jiehfu l-għamla wkoll ta' definizzjoni li tiddependi fuq ir-rendiment.

Min-naħa l-oħra, aspetti li mhumiex marbuta mal-provvisti, xogħlijiet jew servizzi attwali li l-awtoritajiet kontraenti jixtiequ jixtru ma jistgħux jiġu nklużi fis-suġġett tal-kuntratt.

Fil-prinċipju, l-awtorità kontraenti **hija libera li tiddefinixxi s-suġġett tal-kuntratt bi kwalunkwe mod li jissodisfa l-ħtiġijiet tagħha**. Il-leġiżlazzjoni tal-akkwist pubbliku mhijiex tant ikkonċernata dwar dak li jixtru l-awtoritajiet kontraenti, iżda prinċipalment bil-mod ta' kif jixtruh. Għal dik ir-raġuni, ebda waħda mid-Direttivi dwar l-Akkwisti ma tillimita s-suġġett tal-kuntratti fih innifsu.

Madankollu, **il-libertà ta' definizzjoni tal-kuntratt mhi-jjex bla limiti**. F'xi każijiet l-għażla ta' prodott, servizz jew xogħol speċifiku tista' tgħawweġ il-kundizzjonijiet ugwali fl-akkwist pubbliku għall-kumpaniji madwar l-UE. **Jeħtieġ li jkun hemm ċerti salvagwardji**. Dawn is-salvagwardji jinsabu, l-ewwel nett, fil-fatt li d-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar in-non-diskriminazzjoni, il-libertà li jiġu

pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-prodotti japplikaw fil-każijiet kollha u, għalhekk, anke għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku skont il-limiti stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwisti jew għal ċerti aspetti ta' kuntratti li mhumiex koperti b'mod espliċitu minn dawn id-Direttivi.

Fil-prattika, dan ifisser li fil-każijiet kollha, l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li l-kuntratt mhuwiex sejjer jaffettwa l-aċċess għas-suq nazzjonali tagħha minn operaturi oħra tal-UE jew operaturi minn pajjiżi bi drittijiet ekwivalenti³⁴. Għal kuntratti koperti mid-Direttivi dwar l-Akkwisti, il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni jmur lil hinn minn nazzjonalità u jeħtieġ ugwaltjanza stretta fit-trattament bejn il-kandidati/offerenti kollha fir-rigward tal-aspetti kollha tal-proċedura.

It-tieni salvagwardja, ikkunsidrata fil-kapitolu li jmiss, hija li, skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi użati biex jiddefinixxu l-kuntratt m'għandhomx ikunu fformulati b'mod diskriminatorju u għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

Barra minn hekk, leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija kompatibbli mal-liġi tal-UE dwar kwistjonijiet soċjali jew oħrajn tista' tillimita jew tinfluenza wkoll il-libertà tal-għażla fuq is-suġġett tal-kuntratt.

³⁴ Pereżempju, l-operaturi minn pajjiżi li huma marbuta mill-Ftehim tal-Appalti Governattivi tal-WTO.

3. Żieda fl-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist

3.1. Titjib fl-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist

Madankollu, xi klassijiet ta' offerenti jistgħu jsibuha aktar diffiċli minn oħrajn biex jiksbu aċċess għas-suq tal-akkwisti pubbliċi (eż. SMEs). Ix-xerrejja jistgħu jindirizzaw dawn id-diffikultajiet, iżda mhumiex awtorizzati li jippreferu klassijiet speċifiċi ta' offerenti. Il-liġi tal-UE tippermetti azzjoni pożittiva mix-xerrejja, iżda mhux diskriminazzjoni pożittiva³⁵.

Minflok, l-għan huwa li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ugwali, sabiex ix-xerrejja joffru l-istess opportunitajiet lil negozji li mhumiex irrappreżentati biżżejjed sabiex dawn jikkompetu għall-kuntratti pubbliċi bħala ma jagħmlu fornituri kkwalifikati oħrajn. B'dan il-mod, il-kompetizzjoni tista' tiġi mħeġġa, filwaqt li tiġbed aktar kumpaniji lejn il-proċess tas-sejnhiet għall-offerti. Jistgħu jittieħdu diversi miżuri, fi ħdan dawn il-limiti:

- L-inkoraġġiment ta' organizzazzjonijiet kbar biex jindirizzaw id-diversità fost il-fornituri fuq bażi volon-

tarja billi jiġu pprovduti opportunitajiet ugwali lil diversi fornituri bħala subkuntratturi u permezz tal-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità³⁶;

- L-istimolu tal-parteċipazzjoni minn fornituri differenti permezz tal-pubblikazzjoni ta' pjan antiċipat għall-attivitajiet ta' akkwist ewlenin, li jidentifika kuntratti kbar li huma mistennija li jinħarġu għall-offerti matul it-12-il xahar li ġejjin;
- L-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' 'laqgħa max-xerrej' miftuħa għall-kandidati potenzjali kollha sabiex tiżdied il-kuxjenza tagħhom dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' politika tal-awtorità kontraenti u b'hekk tiġi mtejba t-trasparenza u l-aċċessibilità għall-proċess ta' akkwist;
- Żvilupp ta' programmi ta' appoġġ tan-negozji sabiex biex tiġi mtejba l-kapaċità ta' fornituri żgħar u diversi sabiex tiġi pprovduta gwida fuq il-proċess ta' akkwist pubbliku.

Dak li mhux awtorizzat — eżempji

- Bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet speċjali marbuta ma' workshops protetti* u programmi ta' impjeg protetti, ix-xerrejja mhumiex awtorizzati li jirriżervaw ir-rendiment ta' kuntratti għal klassijiet partikolari ta' ditta, minħabba li dan ikun jiksir ir-rekwiżiti ta' trattament ugwali tal-liġi tal-UE.

Madankollu, fil-qasam tas-servizzi soċjali, huwa possibbli, f'każijiet eċċezzjonali meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, li jiġi riżervat ir-rendiment ta' ċerti kuntratti għall-operaturi mhux għall-profitt^{**}. Dan jeħtieġ l-eżistenza ta' liġi nazzjonali li tirregola din l-attività partikolari u li tipprovi aċċess limitat għal ċerti servizzi għall-benefiċċju ta' operaturi mhux għall-profitt. Madankollu, xi liġi nazzjonali bħal din tikkostitwixxi restrizzjoni tal-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE dwar il-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu ta' servizzi u jkollha tkun iġġustifikata skont il-każ. Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari, jekk tkun meħtieġa u proporzjonali għall-ilħuq ta' ċerti għanijiet soċjali ċerti segwiti mis-sistema nazzjonali ta' assistenza soċjali.

- L-awtorità kontraenti ma tistax tillimita l-kompetizzjoni għall-offerenti li diġà għandhom uffiċċju f'żona ġeografika partikolari, iżda l-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt jistgħu jeħtieġu li l-offerent li jirnexxi jiftaħ fergħa jew uffiċċju f'żona partikolari, jekk dan ikun iġġustifikat għall-finijiet ta' rendiment ta' suċċess tal-kuntratt (pereżempju, għall-koordinazzjoni ta' kuntratt tal-bini kumpless fuq il-post).

* Li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jistgħu ma jkunux kapaċi jiksbu kuntratti f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni (ara l-Kapitolu III, Taqsima 3.2, "Twarrib għal workshops protetti").

** Ara sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Ġunju 1997 fil-każ C-70/95 (Sodemare) [1997] Ġabra I-3395. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 2.7 fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Mistoqsijiet u Tweġibiet komuni dwar l-applikazzjoni ta' regoli ta' akkwist pubbliku għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali", disponibbli f' http://ec.europa.eu/services_general_interest/docs/sec_2007_1514_en.pdf.

³⁵ Bl-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE li jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, li kuntratti jiġu riżervati għal workshops protetti jew jipprovduti li kuntratti bħal dawn jiġu mwettqa fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjeg.

³⁶ Madankollu, minħabba li d-diskriminazzjoni pożittiva mhijiex awtorizzata, l-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jiffavorixxu, fl-istadju tal-għoti, lil offerenti li jużaw klassi speċifika ta' fornituri jew sottokuntratturi (eż. SMEs). Bl-istess mod, l-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jeħtieġu, fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt, li ċertu perċentwali ta' fornituri jew sottokuntratturi tal-kuntratturi jkunu SMEs jew klassijiet speċifiċi oħrajn.

Eżempji:

Ir-Renju Unit: Il-*Greater London Authority* (GLA) adottat politika ta' promozzjoni ta' diversità akbar fost il-fornituri tagħha mis-settur privat. L-għan huwa li 'jingħataw opportunitajiet indaqs', sabiex 'noffru lil negozji li mhumiex irrappreżentati biżżeġġed l-istess opportunitajiet biex jikkompetu għal kuntratti ta' gruppi tal-GLA bħala fornituri kwalifikati oħra'. Il-GLA tagħmel distinzjoni bejn l-azzjoni pożittiva (li tadotta) u d-diskriminazzjoni pożittiva (li tiċħad). Il-Grupp tal-GLA ta bidu għal reviżjoni tal-proċeduri ta' akkwist tagħha sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-SMEs u fornituri differenti li jikkompetu għall-kuntratti tagħha. Il-proċeduri tal-akkwisti ġew żviluppati għal kuntratti kbar sabiex tiġi indirizzata d-diversità tal-fornitur billi jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs lill-fornituri diversi bħala subkuntratturi u permezz tal-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità. Il-Grupp tal-GLA jissorvelja regolarment l-infiq tiegħu mal-SMEs u negozji diversi oħrajn sabiex jidentifika t-tendenzi u jipprovdri informazzjoni ulterjuri għal attivitajiet li jtejbju l-proċeduri ta' akkwist tiegħu.

Bdiet reviżjoni tal-proċeduri tal-akkwisti sabiex jiġi identifikat il-potenzjal għall-SMEs biex jitfgħu offerti għal kuntratti u l-fornituri eżistenti ntablu reazzjoni dwar il-proċeduri tal-akkwisti tal-GLA sabiex jgħinu jidentifikaw azzjoni li tagħmilhom aktar aċċessibbli.

Barra minn hekk, permezz tal-Aġenzija għall-Iżvilupp ta' Londra (LDA), il-Grupp GLA qed jgħaqqad b'mod attiv il-proċeduri tal-akkwisti tiegħu ma' programmi ta' appoġġ għan-negozji li jtejbju l-kapaċità ta' fornituri żgħar u diversi biex jitfgħu offerti għal kuntratti tas-settur pubbliku. Dan il-proċess jista' jtejjeb il-possibbiltajiet li jintrebħu kuntratti tal-Grupp tal-GLA u jagħti lill-Grupp tal-GLA bażi aktar kompetittiva ta' fornituri li jagħmlu offerti għal xogħol.

L-Irlanda: L-għan tal-*Go-Tender Programme* tal-*Intertrade Ireland* kien 'li joħloq opportunitajiet ta' negozju transkonfinali għall-SMEs fis-suq tal-akkwisti pubbliċi madwar il-gżira kollha permezz tal-organizzar ta' workshops reġjonali mmirati bir-reqqa'. L-għanijiet tal-Programm kienu li jżieded l-għarfien fost il-fornituri, b'mod partikolari rigward kuntratti transkonfinali u li jinħolqu opportunitajiet transkonfinali għall-SMEs fis-suq ta' akkwist pubbliku madwar il-gżira kollha, li jiġi pprovdut għarfien għall-SMEs rigward is-suq tas-settur pubbliku fil-gżira kollha, li jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa sabiex jintrebaħ ix-xogħol tas-settur pubbliku fiż-żewġ mandati, u li jiġi pprovdut appoġġ ta' esperjenza minn wieħed għal wieħed fil-proċess tal-offerti għal xogħol. Matul l-aħħar tliet snin saru preżentazzjonijiet fi 30 workshop li attendewhom għalihom iktar minn 400 fornitur tal-SMEs. Ħafna minn dawn il-fornituri komplew jikkompetu b'suċċess għall-kuntratti tas-settur pubbliku fl-Irlanda, l-Irlanda ta' Fuq u madwar l-Ewropa.

* ITC-ILO 'Studju dwar l-inkorporazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku fl-UE', 21 ta' Lulju 2008.

- Kuntratti ta' suddiviżjoni fl-lottijiet jiffaċilita b'mod ċar l-aċċess mill-SMEs, kemm b'mod kwantitattiv (id-daqs jista' jikkorrispondi aħjar għall-kapaċità ta' produzzjoni tal-SMEs) u b'mod kwalitattiv (il-kon-
- tenut tal-lottijiet jista' jikkorrispondi aktar mill-qrib għall-ispeċjalitajiet tal-SMEs). Dan huwa possibbli, sakemm il-kuntratti ma jiġux suddiviżi bl-għan li tiġi evitata l-applikazzjoni tad-Direttivi tal-Akkwist³⁷.

Eżempju:

Franza: Sabiex tiġi attirata l-akbar kompetizzjoni possibbli, ir-regola ġenerali hija li jingħataw kuntratti fl-għamla ta' lottijiet separati. Madankollu, l-awtoritajiet kontraenti huma liberi li jagħtu kuntratti globali jekk huma jikkunsidraw li s-suddiviżjoni tal-lottijiet tillimita l-kompetizzjoni jew turriskja li tagħmel ir-rendiment tal-kuntratt teknikament diffiċli jew għali, jew jekk l-awtorità kontraenti ma tkunx f'pożizzjoni li tikkoordina r-rendiment tal-kuntratt.

³⁷ L-Artikolu 9(3) u (5) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 17(2) u (6) tad-Direttiva 2004/17/KE.

3.2. Twarrib għal workshops protetti

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti³⁸ jinkludu, madankollu, dispożizzjoni espliċita li tippermetti lill-Istati Membri 'biex jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni għal kuntratti pubbliċi' għal workshops protetti jew 'jipprovdu li kuntratti bħal dawn jitwettqu fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjeg'.

L-ispjegazzjoni hija li 'workshops protetti u programmi ta' impjeg protetti jikkontribwixxu b'mod effiċjenti lejn l-integrazzjoni jew lejn ir-riintegrazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol. Madankollu, workshops bħal dawn jistgħu ma jkunux kapaċi jiksbu kuntratti taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni³⁹. Konsewwentement, huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jagħtu preferenzi sabiex workshops bħal dawn jibqgħu jeżistu mingħajr ma jkollhom jikkompetu ma' operaturi ekonomiċi oħra.

Skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tad-Direttivi dwar l-Akkwisti, riżerva bħal din hija awtorizzata biss taħt ċerti kundizzjonijiet:

- kwalunkwe riżerva bħal din għandha tinbeda minn Stati Membri permezz ta' leġislazzjoni u ma tistax tiġi adottata *ad hoc* minn entitajiet pubbliċi, fin-nuqqas ta' leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti tali riżerva;
- mill-inqas 50% tal-impjegati ta' dawn il-workshops protetti jew programmi protetti ta' impjeg għandhom ikunu persuni b'diżabilità;
- Minħabba n-natura u l-gravità tad-diżabilitajiet tagħhom, l-impjegati kkonċernati ma jistgħux iwettqu xogħlijiet taħt kundizzjonijiet normali.

Meta l-Istati Membri jużaw dawn id-dispożizzjonijiet, l-avviż tal-kuntratt għandu jsemmi dan u l-ambitu tal-preferenzi għandu jiġi inkluż fl-avviżi ta' informazzjoni minn qabel (AIQ) u fl-avviżi tal-kuntratt⁴⁰.

Eżempji:

Il-Ġermanja: Id-Digriet Federali tal-10 ta' Mejju 2005 dwar kuntratti għall-workshops għal persuni b'diżabilità jeħtieġ li l-aġenziji Federali tal-akkwisti jirriżervaw parti mill-baġit tagħhom għal kuntratti li jistgħu jingħataw lil workshops għall-ħaddiema b'diżabilità. Dan jista' anke jinvolvi kuntratti kbar ta' provvista u servizzi. Il-parteċipazzjoni hija limitata għal workshops għall-ħaddiema b'diżabilità. Madankollu, dawn il-workshops għandhom jikkompetu fil-proċeduri tal-għoti u jissottomettu offerti ekonomikament sodi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali ta' trasparenza tal-Ordni tal-Akkwist. Ħafna municiplitalitajiet jidhru li għandhom politika ta' akkwist favur ħaddiema b'diżabilità. Dawn il-workshops huma ta' spiss parzjalment jew totalment il-proprjetà tal-municiplitalitajiet li jagħtu l-kuntratti.

Franza: L-Artikolu L323-1 tal-*Code du travail* ta' Franza (Kodiċi tax-Xogħol) jeħtieġ li min iħaddem privat u dak pubbliku (b'aktar minn 25 impjegati) jagħti mill-inqas 6% tal-impjegati tiegħu lil persuni b'diżabilità. Skont l-Artikolu L323-8 tal-Kodiċi, min iħaddem, b'mod partikolari l-aġenziji ta' akkwist, jista' parzjalment jissodisfa dan l-obbligu billi jagħti kuntratti lil kumpaniji li jappoġġjaw ix-xogħol għal persuni b'diżabilità. Fil-kuntest tal-akkwist pubbliku, dan jikkonsisti fil-fatt li ċerti kuntratti jiġu riservati għal entitajiet fejn aktar minn 50% tal-persunal impjegat jkun persuni b'diżabilità skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18.

* Il-kundizzjonijiet li b'konformità magħhom l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirriservaw kuntratti għal workshops b'diżabilitajiet huma stipulati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE u fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/17/KE.

³⁸ L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE jirreferu għal 'workshops protetti' u 'programmi ta' impjeg protetti' 'fejn 'l biċċa 'l kbira tal-impjegati kkonċernati huma persuni b'diżabilità.' Dawn l-entitajiet jistgħu jkun magħrufa b'ismijiet differenti fi Stati Membri differenti. Għandu jiġi osservat ukoll li l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE jkopru **l-entitajiet simili kollha (indipendentament minn x'jissejthu)** sakemm (a) mill-inqas 50% tal-persunal impjegat ikunu persuni b'diżabilità u (b) dawn jikkonformaw ma' kundizzjonijiet oħra stabbiliti fl-artikoli msemmija hawn fuq.

³⁹ Premessa 28 tad-Direttiva 2004/18/KE u premessa 39 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁴⁰ Id-Direttiva 2004/18/KE, Anness VII u d-Direttiva 2004/17/KE, Anness XIII: In-notifiki tal-informazzjoni minn qabel (*PIN*) u l-avviżi tal-kuntratti għandhom jindikaw, fejn ikun xieraq, 'jekk il-kuntratt pubbliku huwiex limitat għal workshops protetti jew jekk l-eżekuzzjoni tiegħu hijiex limitata għall-qafas ta' programmi ta' impjeg protettivi.'

L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-ippjanar tal-akkwist — FIL-QOSOR

Fil-proċeduri ta' akkwisti individwali:

Identifika l-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti u esprimihom kif xieraq.

Ikkunsidra kif, u sa liema punt, l-għanijiet jew obbligazzjonijiet possibbli tal-politika soċjali jew obbligji jaqblu ma' dan l-akkwist.

Applika t-testijiet tal-affordabbiltà u tal-kost-effikaċja, inkluż l-evalwazzjoni tal-benefiċċji u l-ispejjeż ta' użu tal-akkwist sabiex jitwettqu l-għanijiet soċjali.

Identifika s-suġġett tal-kuntratt u sa liema punt l-għanijiet soċjali għandhom jew jistgħu jiġu speċifikati bħala parti mis-suġġett tal-kuntratt.

Tejjeb l-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist permezz ta' livellar ta' opportunitajiet indaqs, sabiex il-fornituri minn negozji li mhumiex rappreżentati biżżejjed ikollhom l-istess opportunitajiet sabiex jikkompetu għal kuntratti pubbliċi bħal fornituri oħrajn ikkwalifikati (sakemm dan ma jwassalx għal 'diskriminazzjoni pożittiva').

Ikkunsidra kif l-aħjar tikkomunika l-politika tal-awtorità kontraenti lid-dinja esterna, filwaqt li tiżgura l-aħjar trasparenza għall-fornituri potenzjali jew fornituri tas-servizz u għaċ-ċittadini li l-awtorità kontraenti tkun qed taqdi.

IV. Il-kuntratt

A) Definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-kuntratt

1. Tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

Ladarba l-awtorità kontraenti tkun iddefinit is-suġġett tal-kuntratt, hija għandha ssarrfu fi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li jistgħu jiġu applikati direttament fi proċedura ta' akkwist pubbliku.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għalhekk għandhom tliet funzjonijiet:

- Jiddeskrivu l-ħtiġijiet tal-akkwist sabiex il-kumpaniji jkun jistgħu jiddeċiedu jekk humiex interessati. B'dan il-mod, huma jiddeterminaw il-livell ta' kompetizzjoni.
- Jipprovdu r-rekwiżiti li jistgħu jitkejlu li l-offerti jistgħu jiġu evalwati meta mqabbla magħhom.
- Jikkostitwixxu kriterji ta' konformità minimi. Jekk ma jkunux ċari u korretti, huma inevitabbilment se jrin iwasslu għal offerti mhux xierqa. Offerti li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jeħtieġ li jiġu miċħuda.

Skont ir-regoli tal-akkwisti pubbliċi tal-UE, l-awtorità kontraenti tista' tevalwa jew tqabbel il-proposti tal-offerenti biss skont il-ħtiġijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Bl-istess mod, l-awtorità kontraenti tista' tevalwa biss il-kompetenza tal-offerenti sabiex twassal dak li huwa msemmi fl-ispeċifikazzjonijiet. L-ispeċifikazzjonijiet jinħarġu kmieni fil-proċess tal-offerti, u din hija r-raġuni l-għala l-awtoritajiet għandhom jilħqu r-rekwiżiti tagħhom sew mal-ewwel darba.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom **ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt**. Rekwiżiti li m'għandhom ebda relazzjoni mal-prodott jew is-servizz innifsu, bħal rekwiżit li jirrigwarda l-mod li bih intrapriża hija amministrata, mhumiex speċifikazzjonijiet tekniċi fis-sens tad-Direttivi dwar l-Akkwisti. Għalhekk rekwiżiti li jirrigwardaw, pereżempju, ir-reklutaġġ ta' persunal minn ċerti gruppi (persuni b'diżabilità, nisa, eċċ) ma jikkwalifikawx bħala speċifikazzjonijiet tekniċi. Lanqas ma tista' tikketta dwar il-'kapaċità soċjali' ta' intrapriża tiġi kkunsidrata bħala 'speċifikazzjoni teknika' skont it-tifsira tad-Direttivi dwar l-Akkwisti.

Barra minn hekk, id-Direttivi dwar l-Akkwisti jistipulaw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx **inaqqsu l-kompetizzjoni**⁴¹, għandhom **ikunu trasparenti**⁴² u **m'għandhomx jiddiskriminaw** kontra kuntratturi potenzjali minn barra l-Istat Membru tal-awtorità kontraenti⁴³.

Dak li hu awtorizzat — xi eżempji

- Il-ħtieġa, f'kuntratt għax-xogħlijiet, ta' miżuri sabiex jiġu evitati inċidenti fuq il-post tax-xogħol u kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħażna ta' prodotti perikolużi sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema.
- Il-ħtieġa ta' konformità b'ċerti karatteristiċi ergonomiċi għal prodotti sabiex jiġi żgurat aċċess għall-kategoriji kollha tal-utenti, inklużi persuni b'diżabilità*.

Dak li mhux awtorizzat — xi eżempji

- Il-ħtieġa li ċentru ta' kuntatt esternalizzat li jaħdem onlajn u appoġġ permezz tat-telefown (li jistgħu jiġu pprovduti b'mod leġittimu minn kwalunkwe post) ikunu allokati f'belt partikolari.
- Il-ħruġ ta' speċifikazzjonijiet għal kuntratt ta' ġestjoni ta' akkomodazzjoni iżda mbagħad jintgħażlu l-offerenti fuq il-bażi li dawn jistgħu wkoll jixtru d-djar fil-futur, li kieku l-awtorità kellha tiddeċiedi li tipprivatizza l-akkomodazzjoni.

* Ara l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁴¹ L-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁴² L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁴³ L-Artikolu 23(3) tad-Direttiva 2004/18/KE.

2. L-użu ta' speċifikazzjonijiet ibbażati fuq ir-rendiment jew funzjonali

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti jippermettu b'mod espliċitu lill-awtoritajiet kontraenti jagħżlu bejn speċifikazzjonijiet ibbażati fuq standards tekniċi jew fuq ħtiġijiet ta' rendiment/funzjonali⁴⁴. Approċċ ibbażat fuq ir-rendiment/funzjonali normalment jippermetti ambitu akbar għall-kreattività fis-suq u, f'xi każijiet, sejjer jisfida lis-suq sabiex jiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi innovattivi. Jekk l-awtorità kontraenti tagħżel dan l-approċċ, ma jkollhiex bżonn li tidħol f'wisq dettall fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Il-fatt li jkollhom il-possibilità li jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' ħtiġijiet ta' rendiment jew funzjonali jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti sabiex ifittxu soluzzjonijiet innovattivi iktar adatti għall-bżonnijiet tagħhom. Pereżempju, il-ħtiġijiet ta' aċċessibilità għal prodott jistgħu jiġu definiti billi jiġu stabbiliti standards tekniċi dettaljati ħafna jew inkella billi jiġu stabbiliti standards ibbażati fuq il-ħtiġijiet ta' aċċessibilità funzjonali. It-tieni alternattiva tista' taġixxi bħala stimolu għall-operaturi ekonomiċi biex jipproponu soluzzjonijiet innovattivi fl-offerti tagħhom.

Minħabba li l-għażliet disponibbli fis-suq li jikkonċernaw speċifikazzjonijiet ibbażati fuq rendiment jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli, l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha jkunu ċari biżżejjed biex jippermettulha tagħmel evalwazzjoni xierqa u ġustifikabbli.

Jista' jkun hemm ambitu akbar sabiex jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet soċjali fi proġetti akbar jew aktar kumplessi, iżda irrispettivament mid-daqs tal-proġett, l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu:

- speċifiċi rigward l-eżiti u l-output meħtieġ u jinkoraġġixxu lill-offerenti biex jużaw il-ħiliet u l-esperjenza tagħhom sabiex ifasslu soluzzjonijiet;
- wiesgħin biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerenti jżidu l-valur, iżda mhux tant wiesgħin li jħossu hom esposti għal riskji li huwa diffiċli li jiġu kwantifikati u għalhekk jgħollu l-prezzijiet tagħhom;

- marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, filwaqt li jqisu l-għanijiet xierqa tal-politika, inklużi l-politiki trasversali u l-obbligi legali, u tal-kejl tas-suq dwar dak li l-industrija tista' tipprovdi.

3. Użu ta' varjanti

Id-djalogo ma' offerenti potenzjali qabel jiġu ffinalizzati l-ispeċifikazzjonijiet jista' jgħin sabiex jiġu identifikati opportunitajiet għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u s-sostenibbiltà. Dawn id-diskussjonijiet jistgħu jstabbilixxu l-aħjar ambitu għall-ħtiġijiet sabiex ikunu kummerċjalment vijabbli, billi jsiru arranġamenti prudenti għall-allokazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju. It-tqabbil tas-servizzi attwali ma' dawk li huma pprovduti x'imkien ieħor jista' jkun ta' għajjnuna wkoll. Meta jintużaw dawn it-tekniki, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi evitat li fornitur partikolari jingħata vantaġġ.

Anke wara tali riċerka tas-suq, huwa possibbli li l-awtorità kontraenti xorta ma tkunx ċerta dwar kif l-aħjar li jiġu integrati l-istandards soċjali fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi speċifiċi. Jekk dan ikun il-każ, jista' jkun utli li l-offerenti potenzjali jintalbu jissottomettu varjanti soċjalment responsabbli. Dan ifisser li l-awtorità kontraenti għandha tistabbilixxi sett minimu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-prodott li tixtieq tixtri, li japplikaw kemm għall-offerta newtrali kif ukoll għall-varjant tagħha b'responsabbiltà soċjali. Rigward din tal-aħħar, l-awtorità kontraenti sejra żżid dimensjoni soċjali mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi⁴⁵.

Meta jintbagħtu l-offerti, l-awtorità kontraenti tista' mbagħad tqabbilhom kollha (kemm l-offerti newtrali kif ukoll dawk b'responsabbiltà soċjali) fuq il-bażi tal-istess sett ta' kriterji għall-għoti. Għalhekk, l-awtorità kontraenti tista' tuża varjanti sabiex tappoġġja l-istandards soċjali billi tippermetti tqabbil bejn is-soluzzjonijiet standard u l-alternattivi soċjali (ibbażati fuq l-istess ħtiġijiet tekniċi standard). Il-kumpaniji huma ħielsa li jagħmlu offerti bbażati jew fuq is-soluzzjoni standard

⁴⁴ L-Artikolu 23(3) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁴⁵ Din id-dimensjoni soċjali għandha, naturalment, tkun marbuta mas-suġġett tal-kuntratt (jiġifieri l-provvisti, servizzi jew xogħlijiet attwali li l-awtorità kontraenti trid tixtri) u għandha tikkonforma mar-regoli kollha tal-UE u mal-prinċipji applikabbli għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-akkwist pubbliku.

jew fuq il-varjant, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-awtorità kontraenti.


Qabel mal-awtorità kontraenti tkun tista' taċċetta varjanti fil-proċedura ta' akkwist pubbliku⁴⁶, jeħtieġ li tindika minn qabel fid-dokumenti ta' offerta:

- il-varjanti li sejrin jiġu aċċettati;
- l-ispeċifikazzjonijiet soċjali minimi li l-varjanti għandhom jissodisfaw (eż. rendiment soċjali aħjar);
- ħtiġijiet speċifiċi għall-preżentazzjoni ta' varjanti fl-offerti (bħall-ħtieġa ta' pakkett separat li jindika il-varjant jew li jindika li varjant jista' jiġi sottomess biss flimkien ma' offerta newtrali).

Ix-xerrejja li jippermettu varjanti jistgħu jqabblu l-offerti newtrali mal-varjanti b'responsabbiltà soċjali - fuq il-bażi tal-istess kriterji għall-għoti - u jevalwaw il-proposti tal-offerenti għal qligħ addizzjonali fl-ilħuq ta' standards soċjali u jiddeċiedu jekk dawn humiex affordabbli.

Eżempju:

Eżempju wieħed huwa l-akkwist ta' servizzi tal-catering għal amministrazzjoni pubblika, meta l-awtorità kontraenti tista' tistieden lill-fornituri biex, minbarra l-offerta newtrali (standard), jippreżentaw varjant li sejjer jinkludi dimensjoni soċjali (tħejjija ta' ikel bi ftit kaloriji, mingħajr melħ, u kosher sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet mediċi jew reliġjużi tal-kategoriji kollha ta' utenti).



4. Tikketti soċjali u l-implikazzjonijiet għall-kummerċ etiku

Awtorità kontraenti tista' tkun trid tixtri oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'oġġetti ta' kummerċ etiku'). F'dan il-każ, hija tista' tqis b'mod xieraq il-kunsiderazzjonijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti, iżda ma tistax teħtieġ li l-prodotti jgħorru tikketta/ċertifikazzjoni speċifika tal-kummerċ etiku⁴⁷, għaliex dan jillimita l-aċċess għall-kuntratt għal prodotti li mhumiex iċċertifikati iżda li jissodisfaw standards simili ta' kummerċ sostenibbli. Dan huwa prinċipju ġenerali li japplika mhux biss għal tikketti tal-kummerċ etiku, iżda għat-tikketti kollha li jeħtieġu ċertifikazzjoni minn qabel tal-operaturi ekonomiċi jew tal-prodotti tagħhom. Bl-istess mod, awtorità kontraenti li tixtri oġġetti 'bijo' ma tistax teħtieġ eko-tikketta speċifika, iżda tista' titlob, fid-dokumenti ta' offerta, konformità ma' kriterji speċifiċi għall-agrikultura bijoloġika.

⁴⁶ Ara l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁴⁷ Għall-finijiet ta' din il-Gwida, 'tikketta/ċertifikazzjoni ta' kummerċ etiku' tfisser kwalunkwe skema ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà non-governattiva u relatata mal-kummerċ (per eżempju, *Fair Trade*, *Fairtrade*, *Max Havelaar*, *Utz*, *Rainforest Alliance*, eċċ.). Għal aktar dettalji dwar *Fair Trade* u skemi oħra ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ, ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni KUMM (2009) 215 finali tal-5 ta' Mejju 2009 'Kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli: Ir-rwol ta' *Fair Trade* u skemi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà mhux governattivi u relatati mal-kummerċ' disponibbli f': http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2009/may/tradoc_143089.pdf.

- (a) Rekwiżiti ta' sostenibbiltà jistgħu jiġu inkorporati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' offerta pubblika, sakemm dawn il-kriterji jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt in kwistjoni⁴⁸ u jiżguraw konformità mar-regoli l-oħrajn tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi⁴⁹ u mal-prinċipji tat-trattament ugwali u t-trasparenza.

L-awtorità kontraenti li trid tixtri oġġetti ta' kummerċ etiku tista' tagħmel dan billi tiddefinixxi l-kriterji rilevanti ta' sostenibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha għall-merkanzija. Ladarba awtorità kontraenti tkun iddeċidiet dwar is-suġġett tal-kuntratt ta' akkwist (liema tip ġeneriku ta' prodotti tixtri), hija libera li tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' daww il-prodotti⁵⁰. Il-ħtiġijiet għandhom, madankollu, jirrigwardaw l-karatteristiċi jew il-prestazzjoni tal-prodotti (eż. materjal riċiklat) jew il-proċess ta' produzzjoni tal-prodotti (eż. mkabbra b'mod organiku).

Rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema involuti fil-proċess tal-produzzjoni tal-provvisti li għandhom jinkisbu ma jistgħux jiġu kkunsidrati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, minħabba li mhumiex speċifikazzjonijiet tekniċi fis-sens tad-

Direttivi dwar l-Akkwist. Taħt ċerti kundizzjonijiet, dawn jistgħu, madankollu, jkunu inklużi fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt⁵¹.

L-awtoritajiet kontraenti li għandhom l-intenzjoni li jixtru oġġetti tal-kummerċ etiku m'għandhomx sempliċiment jikkuppjaw bl-eżatt l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha għal tikketta/ċertifikazzjoni tal-kummerċ etiku⁵² fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri tagħhom u lanqas, wisq inqas, jagħżlu tikketta jew ċertifikazzjoni ta' kummerċ etiku speċifiċi. Minflok, huma għandhom iħarsu lejn kull wieħed mis-sub-kriterji bażi tat-tikketta/ċertifikazzjoni tal-kummerċ etiku u għandhom jużaw biss daww li huma marbuta mas-suġġett tax-xiri tagħhom. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistipulaw liema tikketti/ċertifikazzjonijiet tal-kummerċ etiku huma meqjusin li jissodisfaw dawn il-kriterji, iżda huma għandhom dejjem jippermettu wkoll mezzi oħrajn ta' evidenza. L-offerenti għandu jkollhom l-għażla li jagħtu prova tal-konformità mal-ħtiġijiet definiti jew permezz tal-użu xieraq ta' tikketti/ċertifikazzjonijiet ta' kummerċ etiku jew inkella permezz ta' mezzi oħra.

- (b) Kriterji ta' sostenibbiltà (inklużi kriterji soċjali) jistgħu jiġu inkorporati wkoll **fil-kundizzjonijiet ta'**

Eżempji:

Jekk awtorità kontraenti tkun trid tixtri kafè jew frott tal-kummerċ etiku, hija tista', pereżempju, iddaħħal fil-kundizzjonijiet tar-rendiment tal-kuntratt tal-kuntratt ta' akkwist, klawsola li teħtieġ li l-fornitur iħallas lill-produtturi prezz li jippermettilhom ikopru l-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni sostenibbli, bħal pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema kkonċernati, metodi ta' produzzjoni favur l-ambjent u titjib fil-proċess ta' produzzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol..

Il-Ġermanja: Il-Belt ta' Düsseldorf

Punt 7.3 tal-Ordni tal-Akkwist Pubbliku għall-belt ta' Düsseldorf fin-Rhine Westphalia ta' Fuq (für die Vergabeordnung Stadtverwaltung Düsseldorf) dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti jistipula li: "ebda prodott ta' sfruttament tax-xogħol tat-tfal ma għandu jiġi akkwistat. Ċertifikazzjoni indipendenti (pereżempju, siġill *Transfair* jew siġill *Rugmark*) tista' tagħti prova ta' dan. Jekk ma teżisti ebda ċertifikazzjoni bħal din għall-prodott in kwistjoni, dikjarazzjoni fil-forma ta' aċċettazzjoni tad-dispożizzjonijiet addizzjonali tal-kuntratt għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u l-aċċettazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt addizzjonali tal-Ordni tal-Akkwist għal Kuntratti ta' Provvisti u Servizzi hija aċċettabbli."

⁴⁸ Skont l-Artikolu 53 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 55 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁴⁹ Għal aktar dettalji, ara t-taqsimha 'Definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-kuntratt'.

⁵⁰ Huwa mifhum li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu definiti b'mod mhux diskriminatorju.

⁵¹ Ara l-paragrafu (b) ta' hawn taħt dwar il-klawsoli ta' rendiment ta' kuntratt fil-akkwist ta' prodott ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà flimkien mat-taqsimha ġenerali 'Regoli li jirregolaw klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt'.

⁵² Minħabba li ċerti speċifikazzjonijiet ta' dawn it-tikketti/ċertifikazzjonijiet ta' kummerċ etiku jistgħu ma jkunux marbuta mas-suġġett tal-kuntratt. Għalhekk jekk jiddaħħlu fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti, dan ikun kuntrarju għall-prinċipji tad-Direttivi ta' Akkwist.

rendiment tal-kuntratt, sakemm dawn ikunu marbuta mar-rendiment tal-kuntratt in kwistjoni⁵³ (eż. paga minima u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema involuti fir-rendiment tal-kuntratt) u jikkonformaw *mutatis mutandis* mal-ħtiġijiet l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq u, b'mod aktar ġenerali, mal-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsimha ta' din il-Gwida dwar 'ir-Regoli li jirregolaw il-klawsoli ta' rendiment tal-kuntratt'.

5. Il-kunsiderazzjoni tat-tħassib soċjali fil-produzzjoni u l-metodi ta' proċedura

Minn xhiex huwa magħmul prodott, u kif isir, jista' jkollu rwol sinifikanti fl-impatt soċjali tiegħu. Skont id-Direttivi dwar l-Akkwisti, il-metodi ta' produzzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod espliċitu meta jiġu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi⁵⁴.

Eżempji:

Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi jistgħu jinkludu fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ħtiġijiet tekniċi li jimmiraw li jiġu evitati inċidenti fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Dawn il-miżuri (li jistgħu jinkludu, pereżempju, sinjali, kundizzjonijiet għall-ħażna ta' prodotti perikolużi jew rotot għat-trasport ta' tagħmir) huma parti mill-proġett li jitqiegħed għal sejħa għall-offerti.



Eżempju:

L-Italja: Il-Liġi *Stanca* tagħmel obligatorju li l-websajts pubbliċi kollha jkunu aċċessibbli. Il-Liġi tistabbilixxi sett ta' ħtiġijiet li għandhom jintużaw fl-akkwist pubbliku tal-websajts. Id-Digriet li jstabbilixxi r-Regoli Tekniċi għal-Liġi 4/2004' huwa magħmul prinċipalment minn annessi li fihom il-ħtiġijiet tekniċi għall-aċċessibilità tal-web, il-metodoloġija għall-ewalwazzjoni tal-websajts u l-ħtiġijiet għal hardwer u softwer aċċessibbli. Is-sorsi primarji ta' ispirazzjoni għal dawn il-gruppi kienu l-Inizjattiva għall-Aċċessibilità tal-Web ta' W3C u l-esperjenza pożittiva bit-Taqsimha 508 tal-Att ta' Rijabilitazzjoni tal-Istati Uniti. CNIPA (iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Informatika fl-Amministrazzjoni Pubblika) huwa responsabbli għall-ewalwazzjoni ta' offerti ta' akkwisti ta' impatt għoli tal-ICT sabiex jiżgura li dawn jinkludu wkoll il-kundizzjonijiet ta' aċċessibilità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni. Il-Liġi 4/2004 tagħti r-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-infurzar tal-liġi lill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri (Dipartiment għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija) u lis-CNIPA. Matul l-2006, ġew stmati ħmistax-il proġett kbir ta' akkwisti (li jswew €71 miljun euro) sabiex tiġi evalwata jew imtejba l-konformità tagħhom mal-Liġijiet dwar l-Aċċessibilità. Ħafna minn dawn il-proġetti, imwettqa minn 10 amministrazzjonijiet ċentrali differenti, iffukaw fuq akkwisti ta' websajts u hardwer.



F'kuntratt għall-akkwist ta' servizzi ta' catering għal sptar, sabiex jitjieb il-benesseri tal-pazjenti, l-awtorità kontraenti tista' teħtieġ fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li l-ikel għandu jittejjja b'mod konformi ma' ċerti metodi li jissodisfaw id-dieta u l-ħtiġijiet mediċi ta' kategoriji speċifiċi ta' pazjenti.

Madankollu, minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, l-awtorità kontraenti tista' tinkludi biss ħtiġijiet soċjali li huma marbuta wkoll mas-suġġett tal-kuntratt.

6. Speċifikazzjonijiet ta' diżabilità u tekniċi

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti⁵⁵ jistipulaw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt għandhom jindirizzaw il-kwistjoni ta' aċċessibilità tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt. L-Artikolu 23 (1) tad-Direttiva 2004/18/KE jiddikjara li "Kull meta jkun possibbli ... l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu definiti sabiex jitqiesu l-kriterji ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabilità jew disinn għall-utenti kollha." Kif spjegat qabel, ħtiġijiet nazzjonali obligatorji speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti għal 'aċċessibilità għal kulħadd' għandhom ikunu riflessi fis-suġġett tal-kuntratt. Huwa imperattiv li l-amministraturi tal-akkwisti jsiru konxji ta' dawn il-ħtiġijiet regolatorji nazzjonali speċifiċi dwar

⁵³ Kundizzjonijiet inklużi fil-klawsoli ta' rendiment ta' kuntratt mhux bilfors jeħtieġ li jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, iżda biss mar-rendiment tal-kuntratt.

⁵⁴ L-Anness VI tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Anness XXI tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁵⁵ L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2004/17/KE.

I-aċċessibilità u d-disinn għal kulħadd u li dawn ikunu inkorporati għal kollixi fid-dokumenti ta' offerta, primarjament fl-għamla ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.

Huwa diffiċli li l-awtoritajiet kontraenti kollha jkunu esperti f'kull qasam soċjali. Huwa importanti li l-awtoritajiet kontraenti jiftakru li l-prattiki f'ċerti pajjiżi barra l-UE jistgħu jiffaċilitaw ix-xogħol tagħhom dwar l-iżvilupp ta' standards ta' aċċessibilità. Fl-Istati Uniti, it-Taqsima 508 tal-Att dwar ir-Riabilitazzjoni jeħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti Federali jużaw standards ta' aċċessibilità fl-

akkwist pubbliku tagħhom u dan kellu riperkussjonijiet f'diversi Stati Membri tal-UE wkoll u influwenza l-prattika industrijali. Fl-UE, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet żewġ mandati ta' standardizzazzjoni għall-appoġġ tal-ħtiġijiet ta' aċċessibilità Ewropej għall-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi fil-qasam tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni (ICT)⁵⁶ u l-ambjent mibni⁵⁷ rispettivament. Ir-riżultati tal-ewwel fażi tal-Mandat 376 huma disponibbli u jidentifikaw sett ta' standards dwar l-aċċessibilità flimkien ma' diversi metodi li jevalwaw il-konformità ma' dawk l-istandards meta jinxtraw l-ICT⁵⁸.

Definizzjoni tar-rekwiżiti tal-kuntratt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi — FIL-QOSOR

Fassal speċifikazzjonijiet tekniċi ċari u preċiżi. Kun żgur li l-ispeċifikazzjonijiet huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, jirriflettu l-ħtiġijiet kollha xierqa soċjali u jkunu trasparenti u non-diskriminatorji.

Ibni fuq "l-aħjar prattiki" ta' awtoritajiet kontraenti oħra. Uża n-netwerking bħala mod ta' kisba u tixrid ta' informazzjoni.

Uża speċifikazzjonijiet ibbażati fuq ir-rendiment jew funzjonali sabiex tinkoraġġixxi offerti innovattivi b'responsabbiltà soċjali. Ikkunsidra li tqis it-tħassib soċjali fil-metodi ta' produzzjoni u proċedura.

Jekk m'intix ċert/a dwar l-eżistenza, il-prezz jew il-kwalità attwali ta' prodotti jew servizzi b'responsabbiltà soċjali, tista' titlob varjanti b'responsabbiltà soċjali.

Fejn xieraq, ikkunsidra li tirriżerva l-kuntratt għal workshops protetti jew ipprovdli li kuntratt jitwettaq fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjeg.

Żgura li r-riżultati maħsuba kollha jkunu inklużi - dawn ma jistgħux jiddiedu aktar tard fil-proċedura.



⁵⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Mandat ta' Standardizzazzjoni għall-CEN, CENELEC u ETSI b'sostenn tal-ħtiġijiet tal-aċċessibilità Ewropej għall-akkwist pubbliku fil-qasam tal-ICT, M/376 EN, 7 ta' Diċembru 2005.

⁵⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Mandat ta' Standardizzazzjoni għall-CEN, CENELEC u ETSI b'sostenn tal-ħtiġijiet tal-aċċessibilità Ewropej għall-akkwist pubbliku fl-ambjent mibni, M/420 EN, 21 ta' Diċembru 2007.

⁵⁸ Ħtiġijiet ta' aċċessibilità Ewropej għall-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi fil-qasam tal-ICT (Mandat tal-Kummissjoni Ewropea M 376, fażi 1); CEN/BT WG 185 u CLC/BT WG 101-5, Rapport dwar 'Is-Sistemi tal-Evalwazzjoni tal-Konformità u Skemi għall-ħtiġijiet tal-Aċċessibilità'.

B) Għażla tal-fornituri, fornituri tas-servizzi u kuntratturi

Il-kriterji għall-għażla jikkonċentraw fuq il-ħila tal-kumpaniji li jwettqu l-kuntratt li jkunu qed jagħmlu l-offerta għalih. Il-Direttivi dwar l-Akkwisti fihom żewġ settijiet ta' regoli dwar l-għażla: kriterji ta' esklużjoni u regoli dwar il-kapaċità teknika u ekonomika.

1. Kriterji ta' esklużjoni

Il-Direttivi dwar l-Akkwisti fihom lista eżawrjenti ta' każijiet fejn is-sitwazzjoni personali ta' kandidat jew offerent tista' twassal għall-esklużjoni tiegħu mill-proċedura ta' akkwist⁵⁹. Xi wħud minn dawn in-nuqqasijiet jistgħu jkunu ta' natura soċjali. Pereżempju, kandidati jew offerenti jistgħu jiġu esklużi:

- minħabba li ma jkunux ħallsu l-kontribuzzjonijiet soċjali⁶⁰; jew
- meta l-operatur ekonomiku jkun 'instab ħati permezz ta' ġudizzju finali (li għandu l-forza ta' *res judicata* skont id-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż) għal kwalunkwe reat li jaffettwa l-kondotta professjonali tiegħu⁶¹ jew 'kien ħati ta' kondotta ħażina professjonali gravi (pprovata bi kwalunkwe mezz li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu juru)⁶², fuq il-bażi tal-kunċett ta' "kondotta professjonali gravi" huwa definit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali⁶³;

⁵⁹ L-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikoli 53(3) u 54(4) tad-Direttiva 2008/17/KE. F'xi każijiet ta' kriminalità partikolarment serja, jista' jkun obbligatorju wkoll li jiġu esklużi l-offerenti.

⁶⁰ L-Artikolu 45(2)(e) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁶¹ L-Artikolu 45(2)(c) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁶² L-Artikolu 45(2)(d) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁶³ 'Kondotta professjonali serja ħażina' għadha ma ġietx definita fil-leġiżlazzjoni Ewropea jew fil-ġurisprudenza tal-UE. Huwa għalhekk f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu dan il-kunċett fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u li jiddeterminaw jekk in-nuqqas ta' konformità ma' 'ċerti obbligi soċjali jikkostitwixx kondotta professjonali serja ħażina jew le.

Dak li hu awtorizzat — eżempju

- Esklużjoni ta' offerent li nstab ħati permezz ta' sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata* għal nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi impjeg klandestin, mar-regoli nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew mar-regoli nazzjonali li jipprojbixxu diskriminazzjoni għal diversi raġunijiet (razza, sess, diżabilità, età, twemmin reliġjuż, eċċ.).
- Esklużjoni ta' offerent li ma introduċiex politika ta' opportunitajiet indaqs, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-awtorità kuntrattwali hija stabbilita, sakemm dak in-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni jkun ikklassifikat bħala kondotta ħażina professjonali gravi fl-Istat Membru in kwistjoni.

Dak li mhux awtorizzat — eżempju

- Esklużjoni ta' offerent potenzjali fuq il-bażi ta' twemmin politiku jew personali tal-offerent li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kondotta professjonali.

2. Kapaċità teknika⁶⁴

Il-proċess għall-għażla jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti biex jevalwaw il-kapaċità tal-kandidati biex iwettqu l-ħtiġiet speċifikati fil-kuntratt. Il-Direttivi dwar l-Akkwisti fihom lista eżawrjenti ta' kriterji tekniċi tal-kapaċità tal-għażla, li jistgħu jiġu applikati sabiex tiġi ġġustifikata l-għażla tal-kandidati. Il-kriterji għall-għażla li huma differenti minn dawk stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwisti għalhekk ma jikkonformawx mad-Direttivi.

Eżempju:

Fil-każ ta' Beentjes^{*} il-Qorti sabet li kundizzjoni li titlob li jiġu impjegati dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil ma kinitx relatata mal-verifika tal-idonjetà tal-offerenti fuq il-bażi tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tagħhom u l-għarfien tekniku u l-kapaċità tagħhom (kawsola 28 tas-sentenza)**.

* Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 1988 fil-kawża 31/87.

** Madankollu, kundizzjoni li teħtieġ l-impjeg ta' persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil tista' tiġi inklużi fil-kawsoli ta' rendiment tal-kuntratt, sakemm dan ikun konformi mar-regoli applikabbli tal-UE fl-istadju tar-rendiment (għal aktar dettalji, ara t-taqsimha 'Rendiment tal-kuntratt').

⁶⁴ Din il-Gwida mhux sejra tanalizza l-kriterji għall-għażla tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja, peress li minħabba n-natura tar-referenzi meħtieġa sabiex tiġi evalwata l-kapaċità ekonomika u finanzjarja tal-offerenti, mhux possibbli li jiġu inklużi fihom il-kunsiderazzjonijiet soċjali.

Barra minn hekk, il-kriterji għall-għażla għandhom ikunu non-diskriminatorji, proporzjonali u marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

Sabiex tiġi stabbilita rabta bħal din, jistgħu jiġu inklużi kunsiderazzjonijiet soċjali fil-kriterji tekniċi għall-għażla **biss** jekk il-kisba tal-kuntratt teħtieġ għarfien speċifiku fil-qasam soċjali. Skont is-suġġett tal-kuntratt, l-awtorità kontraenti tista' tinvestiga l-aspetti differenti tal-kapaċità teknika tal-kandidati:

- Il-kumpanija tal-offerta timpjega jew għandha aċċess għal persunal bl-għarfien u l-esperjenza meħtieġa sabiex titratta l-kwistjonijiet soċjali tal-kuntratt (eż. il-ħtieġa li jkollhom persunal imħarreġ u esperjenza speċifika ta' ġestjoni f'kuntratt għal crèche jew inġiniera u periti kwalifikati fi kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà għall-kostruzzjoni ta' bini pubbliku)?
- Il-kumpanija tal-offerta għandha jew għandha aċċess għat-tagħmir tekniku meħtieġ għall-protezzjoni soċjali (eż. il-ħtieġa li ikollha tagħmir xieraq għal persuni anzjani f'kuntratt sabiex tmexxi dar għall-anzjani)?
- Il-kumpanija tal-offerta għandha l-faċilitajiet tekniċi speċjalisti rilevanti disponibbli sabiex tkopri l-aspetti soċjali (eż. f'kuntratt għax-xiri ta' hardwer tal-kompjuter, inkluż ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà)?

Evidenza tal-kapaċitajiet tekniċi tal-operaturi ekonomiċi tista' tiġi pprovduta permezz ta' mezz eżawrjenti wieħed jew aktar minn wieħed minn dawk speċifikati fid-Direttivi⁶⁵, bħal:

- evidenza ta' kuntratti mitmuma preċedenti, li tindika t-tekniċi jew l-entitajiet tekniċi li se jkunu involuti;
- deskrizzjoni tal-faċilitajiet tekniċi użati u miżuri relatati mwettqa mill-kuntrattur;
- il-kwalifiki edukattivi u professjonali tal-persunal tal-kuntrattur (dawn huma importanti b'mod partikolari f'kuntratti li jistgħu jilhqqu l-għanijiet soċjali tagħhom biss suġġetti għal taħriġ xieraq tal-persunal);
- id-dettalji tal-ħaddiema tal-fornitur tas-servizzi u n-numru ta' persunal maniġerjali;
- id-dettalji tal-proporzjon tal-kuntratt li jista' jiġi sottomuntrattat.

Għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-ħtieġa li l-awtorità kontraenti jkollha prova suffiċjenti li l-kuntrattur se jkollu l-kapaċità li jwettaq il-kuntratt u l-ħtieġa li jiġi evitat it-tqegħid ta' piż eċċessiv fuq il-kuntratturi.

L-għażla tal-fornituri, il-kuntratturi u ta' forniture ta' servizzi — FIL-QOSOR

Ikkunsidra l-ħila tal-kuntrattur potenzjali li jwassal il-kuntratt partikolari msemmi għat-tmiem b'suċċess. Stabbilixxi kriterji tal-għażla bbażati fuq il-lista eżawrjenti kif speċifikati fid-Direttivi dwar l-Akkwisti.

Il-kuntratt jitlob ħila jew kapaċità soċjali (eż. sengħa partikolari, taħriġ jew għodda xierqa biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-kuntratt)? Jekk iva, inkludi kriterji soċjali biex turi l-kapaċità teknika li hemm bżonn biex jiġi esegwit il-kuntratt.

Il-valutazzjoni tal-kapaċità teknika għandha torbot mal-abbiltà tal-kandidati li jtemmu l-kuntratt b'suċċess.

Fejn ikun rilevanti, ikkunsidra r-rekord pożittiv tal-fornituri li jtemmu b'suċċess kuntratti simili fir-rigward tal-istandards soċjali meħtieġa. Ikkunsidra l-possibbiltà li teskludi offerenti jekk ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwisti li jippermettu dawn l-esklużjonijiet.

⁶⁵ L-Artikolu 48 tad-Direttiva 2004/18/KE.

Ċ) L-aġġudikazzjoni tal-kuntratt

1. Regoli ġenerali għall-abbozzar ta' kriterji ta' aġġudikazzjoni u dwar kuntratti ta' aġġudikazzjoni

Jistgħu jiġu applikati kriterji soċjali għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt, bil-kundizzjoni li⁶⁶:

- jkunu relatati mas-suġġett tal-kuntratt;
- ma jagħtux libertà mingħajr restrizzjoni ta' għażla fuq l-awtorità kontraenti;
- huma msemmin b'mod ċar fin-notifika tal-kuntratt u fid-dokumenti għas-sejħa tal-offerti; u
- jikkonformaw mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE.

Sabiex tiddeċiedi liema hija l-aħjar offerta, meta l-awtorità kontraenti tevalwa l-kwalità tal-offerti, din tuża kriterji predeterminati għall-għoti ta' kuntratt li jkunu ġew ippubblikati bil-quddiem. Skont id-Direttivi dwar l-Akkwisti, l-awtorità kontraenti għandha żewġ għażliet: tista' tqabbel offerti fuq il-bażi ta' prezz biss⁶⁷ jew tagħżel li tagħti l-kuntratt lill-offerent li joffri 'l-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġuża' jew l-offerta li toffri l-aqwa valur, li jfisser li minbarra l-prezz jiġu kkunsidrati kriterji oħrajn għall-aġġudikazzjoni.

Ladarba 'l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża'(MEAT) jew l-offerta li toffri l-aqwa valur dejjem tgħaqqad żewġ subkriterji jew aktar, din tista' tinkludi kriterji soċjali. Tabilħaqq, il-lista mhux esklussiva ta' eżempji

⁶⁶ Għal aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti aktar 'l isfel, ara s-sezzjoni li jmiss 'Kundizzjonijiet applikabbli lil kriterji għall-għoti ta' kuntratti fl-evalwazzjoni tal-offerta' Jekk jogħġbok ara wkoll il-Premessi 1 u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Premessi 1 u 9 tad-Direttiva 2004/17/KE;

⁶⁷ Għal kuntratti mogħtija abbażi tal-inqas prezz, nuqqas li jitqiesu kriterji oħra għall-għoti ta' kuntratti (bħal konsiderazzjonijiet ta' kwalità jew soċjali) jistgħu sa ċertu punt jiġi kkompensati billi jinkludu standards ta' kwalità għolja fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratt (biex offerti li jikkonformaw mal-istandards kollha ta' kwalità fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biss jiġu kkunsidrati fl-istadju tal-għoti ta' kuntratti) jew billi jinkludu konsiderazzjonijiet soċjali (skont in-natura tagħhom) fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (jekk dawn il-konsiderazzjonijiet huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt) jew fil-klawsoli tar-rendiment tal-kuntratt (jekk għandhom x'jaqsmu biss tar-rendiment tal-kuntratt).

fid-Direttivi dwar l-Akkwisti⁶⁸ li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jiddeterminaw li l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża tinkludi karatteristiċi ta' kwalità, prezz, mertu tekniku, u karatteristiċi estetiċi u funzjonali, karatteristiċi soċjali, spejjeż rikorrenti, effikaċja fl-infiq, servizz ta' wara l-bejgħ, għajjuna teknika, data tal-kun-sinna u ż-żmien li fih għandu jitlesta x-xogħol.

Billi l-aqwa offerta tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' bosta subkriterji differenti, l-awtorità kontraenti tista' tuża diversi tekniki biex tqabbel u twieżen is-subkriterji differenti. Dawn jinkludu paraguni matriċi, tweżin relattiv u sistemi ta' 'bonus/malus'. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kontraenti li jispjefikaw u li jippubblikaw il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt u l-peżar relattiv li jingħata lil kull kriterju biex l-offerenti jkunu konxji tagħhom waqt il-preparamenti tal-offerti tagħhom.

Jeħtieġ li l-kriterji individwali li jiddeterminaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża jew l-offerta li toffri l-aqwa valur jiġu fformulati b'tali mod li:

- Ikunu relatati mas-suġġett tal-kuntratt li jkun sejjer jingħata (kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi).

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiddefinixxu l-livell ta' prestazzjoni meħtieġa (eż. standards ta' aċċessibilità fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi). Iżda l-awtorità kontraenti tista' tiddeċiedi li jistgħu jingħataw punti addizzjonali għal kwalunkwe prodott/servizz bi prestazzjoni aqwa mil-livell minimu waqt l-istadu tal-għoti tal-kuntratt. Pereżempju, fejn issir referenza għall-istandard dwar l-aċċessibilità, pereżempju lil siti tal-web bħal fil-każ tal-istandard **UNE 139803** 'Requisitos de accesibilidad para contenidos Web' (Spanja), huwa possibbli li jkun hemm konformità fuq tlett livelli — A, AA jew AAA. Jistgħu jingħataw punti addizzjonali lill-offerta li tikseb l-ogħla livell.

- Iħallu li l-offerti jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji ekonomiċi u kwalitattivi fit-totalità tagħhom biex ikun jista' jiġi stabbilit liema toffri l-aqwa valur għall-flus⁶⁹. Fil-prattika, dan ifisser li mhemmx bżonn li kull kriterju wieħed għall-għoti ta' kuntratt jagħti

⁶⁸ Premessa 46 u Artikolu 53 tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁶⁹ Ara premessa 46 tad-Direttiva 2004/18/KE u premessa 55 tad-Direttiva 2004/17/KE.

X'inhu permess — eżempji

- F'kuntratt għall-għoti ta' kura lil persuni b'diżabilità, il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt jistgħu jkunu rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu ma' li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull kategorija ta' utenti (eż. personalizzazzjoni tas-servizz skont l-età, sess jew diffikultajiet soċjali tal-utenti, eċċ.).
- F'kuntratt għall-akkwist ta' testijiet u servizzi ta' reklutaġġ għas-settur pubbliku, l-awtorità kontraenti tista' titlob lill-offerenti biex jiżguraw li t-testijiet ta' reklutaġġ u s-servizzi jkunu mfasslin b'tali mod li jiżguraw opportunitajiet indaqs għall-parteċipanti kollha, irrispettivament mill-età, sess u sfond etniku jew reliġjuż tagħhom.
- F'kuntratt għall-akkwist ta' softwer jew hardwer, jista' jiġi nkluż kriterju għall-għoti tal-kuntratt li jkollu x'jaqsam mal-ammont ta' punti mogħtija għal-livelli ta' aċċessibbiltà jew karatteristiċi speċifiċi ta' aċċessibbiltà proposti għal gruppi varji ta' persuni b'diżabilità. Dan, pereżempju jinkludi jekk il-prodott jew servizz huwiex aċċessibbli għal dawk b'vista parzjali jew għal dawk għomja, għal dawk neqsin mis-smiġħ jew torox, għal persuni b'diżabilitajiet intellettuali, jew għal dawk bi problemi ta' mobilità u destreżza, eċċ.

X'mhuwiex permess — eżempji

- Li jintużaw kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt li għandu x'jaqsam ma' xiri lokali ta' apparat mill-kuntratt (pereżempju, f'kuntratt għall-bini ta' sptar) biex jiġi stimulat il-ħolqien ta' mpjiegi ġodda fis-suq lokali. L-ewwel nett, kriterju bħal dan mhuwiex marbut mas-suġġett tal-kuntratt (il-bini tal-isptar). It-tieni nett, dan il-kriterju huwa wkoll diskriminatorju, għaliex jagħti vantaġġ mhux dovut lill-offerenti li jixtru l-apparat tagħhom mis-suq lokali fuq offerenti oħra li jixtru minn postijiet oħra.
- Li jintużaw kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt li ġew introdotti fl-aħħar mument u li ma ġewx inklużi fid-dokumenti tal-offerta.
- Li jintużaw kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt li jistgħu jagħtu diskrezzjoni mhux dovuta lill-awtorità kontraenti. Pereżempju, f'kuntratt għal apparat tal-IT, kriterju għall-għoti ta' kuntratt li jispeċifika li l-offerenti jistgħu jirċievu bejn 1 u 20 punt għall-merti tekniċi tal-aċċessibbiltà tal-prodotti proposti, mingħajr ma jiġu indikati l-parametri jew il-karatteristiċi li l-awtorità kontraenti se jra tikkunsidra biex tiddetermina n-numru eżatt ta' punti li jingħataw f'kull każ, jista' jagħti lill-awtorità kontraenti diskrezzjoni mhux dovuta għall-evalwazzjoni tal-merti tekniċi tal-offerenti.

vantaġġ ekonomiku lill-awtorità kontraenti, iżda flimkien, il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt (jiġifieri dak ekonomiku u dak soċjali) għandhom iħallu lill-awtorità tidentifika l-offerta li toffri l-aqwa valur għall-flus.

1.1. Kundizzjonijiet li japplikaw għall-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt fl-evalwazzjoni tal-offerti

B'mod espliċitu, id-Direttivi dwar l-Akkwisti jaċċettaw li kunsiderazzjonijiet soċjali jiġu nklużi fil-kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt. Din il-leġiżlazzjoni tibni fuq il-każistika tas-CJEU. Ir-regola bażika dwar kriterji soċjali għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt ġejja mill-każijiet C-513/99 (Concordia Bus) u C-448/01 (Wienstrom) u mid-

Direttivi dwar l-Akkwisti, li jirreferu speċifikament għal din is-sentenza fl-ewwel premessa tagħhom. Il-kriterji kollha għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom jissodisfaw il-ħames kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-bidu ta' sezzjoni C 1⁷⁰.

(a) Il-kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt

Dan huwa essenzjali. Dan jiżgura li, kif spjegat mis-suġġett tal-kuntratt, il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt jirrelataw mal-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti. Fis-sentenza tagħha fil-każ Wienstrom⁷¹ is-CJEU tat aktar informazzjoni dwar kif ir-rabta mas-suġġett trid tiġi nterpretata.

⁷⁰ Is-sentenza tal-CJEU fil-każ C-513/99. Din is-sentenza tikkonċerna kriterji ambjentali tal-għoti tal-kuntratti, iżda l-istess prinċipji jistgħu jiġu applikati, *mutatis mutandis* għal kriterji soċjali tal-aġġudikazzjoni f'akkwisti pubbliċi.

⁷¹ Is-sentenza tas-CJEU fil-każ C-448/01.

Eżempji:

Każ Wienstrom: F'dan il-każ is-CJEU iddeċidiet li f'offerta għall-provvista tal-enerġija, il-kriterju li għandu x'jaqsam biss mal-ammont ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli f'eċċess mill-konsum mistenni mill-awtorità kontraenti (li kien is-suġġett tal-kuntratt) ma setax jiġi kkunsidrat li huwa marbut mas-suġġett tal-kuntratt. Biex jistabbilixxi rabta bħal din mas-suġġett tal-kuntratt, il-kriterju li għandu x'jaqsam mal-ammont ta' elettriku prodott minn sorsi rinovabbli jrid ikun jittratta biss l-elettriku li jkun ġie effettivament fornut lill-awtorità kontraenti.

Kuntratti għal xogħlijiet: Fil-każ ta' kuntratt li jinkorpora kunsiderazzjonijiet soċjali, f'kuntratt tal-kostruzzjoni fejn is-suġġett tal-kuntratt jikkonsisti f'bini ta' skola, kriterju għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt ibbażat fuq l-ammont ta' flus li l-kuntrattur jittrasferixxi lill-komunità lokali barra minn dak tal-kuntratt mhuwiegħ legalment permessibbli, għaliex ma jkunx marbut mas-suġġett tal-kuntratt.

(b) Il-kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu speċifiki u kwantifikabbli oġġettivament

Fuq il-bażi tas-sentenzi preċedenti tagħha, is-CJEU iddeċidiet li, il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt m'għandhom qatt jagħtu l-libertà tal-għażla lill-awtoritajiet kontraenti. Għandhom jillimitaw din il-libertà tal-għażla billi jiffissaw kriterji li huma speċifiċi, relatati mal-prodott u li jistgħu jitkejlu jew, kif se jhithom is-CJEU, kriterji li huma 'kwantifikabbli speċifikament u objettivament adegwati'. Is-CJEU ipprovdiet aktar kjarifiki fil-każijiet ta' Wienstrom u Concordia Bus⁷².

⁷² Dawn iż-żewġ każijiet jikkonċernaw kriterji ambjentali għall-għoti ta' kuntratt, iżda l-prinċipji li jgħorġu minn dawn is-sentenzi jistgħu jiġu applikati *mutatis mutandis* għal kriterji soċjali għall-għoti ta' kuntratti.

Eżempji:**In-nuqqas ta' ċarezza u oġġettività tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratt fil-każ Wienstrom:**

Fil-każ Wienstrom is-CJEU sabet li, biex tagħti l-offerenti opportunitajiet indaqs waqt li qed jifformulaw it-termini tal-offerti tagħhom, l-awtorità kontraenti għandha tifformula l-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt b'tali mod li 'dawk l-offerenti kollha li huma raġonevolment infurmati tajjeb u b'diliġenza normali jinterpretawhom bl-istess mod'. Aspett ieħor, kif ifformulat mis-CJEU, taċ-ċarezza meħtieġa u l-possibilita' li l-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt jistgħu jitkejlu, kien li l-awtorità kontraenti biss tista' tisabbilixxi kriterji ma' xiex l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti tista' tiġi verament ivverifikata.

L-ispeċifiċità u l-mod ta' kif kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt jistgħu jiġu mkejla fil-każ tal-Concordia Bus:

Fil-każ tal-Concordia Bus, qabel l-evalwazzjoni tal-offerti, il-Komunità ta' Helsinki kienet iddeċidiet u ppubblikat sistema fejn jingħataw punti żejda għal ċerti livelli ta' ħoss u emissjonijiet^{**}. Is-CJEU ikkunsidrat din is-sistema CJEU adegwatament speċifika u tista' titkejjel.

* F'dan il-każ, l-awtorità kontraenti ma ddeterminatx il-perjodu speċifiku li fih l-offerenti għandhom jiddikjaraw l-ammont li jkunu jistgħu jissupplixxu.

** F'dan il-każ, ingħataw punti addizzjonali, fost l-oħrajn, għall-'użu ta' karozzi tal-linja b'emissjonijiet tad-dijossidu tan-nitroġenu taħt l-4 g/kWh (+ 2.5 punti/karozza tal-linja) jew taħt 2 g/kWh (+ 3.5 punti/karozza tal-linja) u livelli esterni ta' ħoss taħt is-77 dB (+1 punt/karozza tal-linja).

(ċ) Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu ġew ippubblikati qabel

Id-Direttiva dwar l-Akkwisti tistipula li l-avviżi tal-kuntratti għandhom isemmu jekk l-awtorità kontraenti hijiex sejra tagħti l-kuntratt fuq il-bażi ta' 'l-aktar prezz baxx' jew fuq il-bażi tal-'l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża'. Il-kriterju użat biex tiġi identifikata l-offerta li tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża għandu jissemma' fl-avviż jew, għallinqas, fid-dokumenti tas-sejħiet għall-offerti.



(d) Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-UE (li tinkludi l-prinċipji fundamentali tat-TFUE)

L-aħħar kundizzjoni mit-TFUE u d-Direttivi dwar l-Akkwisti hija li l-kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu konformi mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE.

Is-CJEU saħqet speċifikament fuq l-importanza tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, li huwa l-bażi ta' prinċipji oħrajn, bħal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment. Il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni tqajjemt espressament fil-każ tal-Concordia Bus⁷³.



Eżempju:

Waħda mill-objezzjonijiet ta' Concordia Bus kienet li l-kriterji stabbiliti mill-Komunità ta' Helsinki kienu diskriminatorji għaliex il-kumpanija tal-Komunità stess HKL kienet l-unika kumpanija b'vetturi li jaħdmu bil-gass li stegħet tikkonforma mal-livelli ta' emissjonijiet stabbiliti. Is-CJEU iddeċidiet li l-fatt li kriterju wieħed minn sett ta' kriterji varji għall-aġġudikazzjoni tal-kuntratt imposti mill-awtorità kontraenti seta' jintlaħaq biss minn numru żgħir ta' kumpaniji, fih innifsu ma għamilx dan il-kriterju wieħed diskriminatorju. Għalhekk, biex ikun stabbilit jekk teżistix diskriminazzjoni, għandhom jitqiesu l-fatti kollha tal-każ.

1.2. Il- 'kriterju addizzjonali'

Fil-każ C-225/98, is-CJEU iddeċidiet li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt fuq il-bażi ta' kundizzjoni relatata ma' pereżempju l-ġlieda kontra l-qgħad, sakemm din il-kundizzjoni tkun konformi mal-prinċipji fundamentali kollha tal-liġi tal-UE, **iżda biss fejn l-awtoritajiet kellhom jikkunsidraw żewġ offerti ekwivalenti jew aktar**. L-Istat Membru inkwistjoni qies din il-kundizzjoni bħala **kriterju ieħor mhux determinanti** u kkunsidraha biss wara li l-offerti tqabblu fuq il-bażi tal-kriterji l-oħrajn għall-għoti ta' kuntratt. Fl-aħħarnett, is-CJEU iddikjarat li l-applikazzjoni tal-kriterju għall-aġġudikazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-qgħad m'għandux ikollha xi impatt dirett jew indirett fuq dawk li jkunu qegħdin jifgħu offerti minn Stati Membri oħra u din għandha tissemma' speċifikament fl-avviż tal-kuntratt, sabiex kuntratturi potenzjali setgħu ikunu jafu li kundizzjoni bħal din kienet teżisti.

Għalhekk, il-kriterju li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-qgħad (u kriterji oħra li mhux marbuta mas-suġġett tal-kuntratt) jistgħu jiġu kkunsidrati biss fl-istadju tal-għoti ta' kuntratt bħala 'kriterju addizzjonali' biex issir l-għażla bejn żewġ offerti ekwivalenti. Il-kriterji l-oħra kollha għall-għoti ta' kuntratt (minbarra l-kriterju addizzjonali) għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, kif fl-2001 is-CJEU iddeċidiet 'fil-każ Wienstrom'⁷⁴ (ara aktar il-fuq).

⁷³ Sentenza tal-CJEU f'każ C-513/99.

⁷⁴ Sentenza tal-CJEU f'każ C-448/01.

2. Indirizzar ta' 'offerta baxxi b'mod mhux normali'

Skont id-Direttivi dwar l-Akkwisti, jekk l-awtoritajiet kontraenti jaħsbu li offerta hija baxxa b'mod mhux normali, huma għandhom jitolbu spjegazzjonijiet qabel ma jkunu jistgħu jwarrbuha. Id-Direttivi jiddikjaraw li dawn l-ispjegazzjonijiet jistgħu jirreferu wkoll (fost fatturi oħra) għal konformità mad-'dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-protezzjoni tal-impjegi u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-seħħ fuq il-post fejn ikun sejjer isir ix-xogħol, is-servizz jew il-provvista⁷⁵. Għalhekk, id-Direttivi dwar l-Akkwisti jirrelataw speċifikament il-kwistjoni ta' offerta baxxi b'mod mhux normali mal-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-impjegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Xi prattiċi, inkluż dawk li jinjoraw il-kundizzjonijiet tax-xogħol li huma legalment meħtieġa, jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni *inġusta*.

Eżempji:

Franza: Ville d'Angers indunat li fis-settur tal-indafa, il-ħaddiema għandhom skedi ta' xogħol iebesin. Għalhekk offerta li tkun ekonomikament estremament attraenti, għaliex tipproponi numru inqas ta' ħaddiema milli huwa adegwat għall-erja li tkun trid titnaddaf, fuq il-bażi tal-proporzjonijiet ġenerali, għandha tiġi kkunsidrat bħala baxxa b'mod mhux normali u għandha titwarrab jekk dak li jitfa' l-offerta ma jkunx kapaċi jispjega kif jista' jiżgura prezz daqshekk baxx mingħajr ma jikser xi regola applikabbli (bħal pereżempju liġijiet li jitrattaw l-ammont massimu ta' sigħat tax-xogħol fil-ġurnata).

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti stabbiliet il-proċeduri li l-awtorità kontraenti għandha tadotta qabel ma twarrab offerta minħabba li tkun baxxa b'mod mhux normali⁷⁶. Kull każ għandu jiġi indirizzat fuq il-merti tiegħu; m'għandux ikun hemm esklużjoni awtomatika; l-offerenti għandu jkollhom l-opportunità li jikkonfutaw il-każ kontrihom; u għandha tiġi mħarsa l-kundizzjoni ta' non-diskriminazzjoni.

X'inhu permess — eżempju

Offerent jista' jiġi eskluż jekk l-inkjesta mwettqa skont ir-regoli tad-Direttivi dwar l-Akkwisti⁷⁵ msemija hawn fuq ssib li l-offerta hija baxxa b'mod mhux normali minħabba li l-offerent ma mexiex mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tal-impjegi, il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali jew ta' sigħat maħduma żejda, is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-projbizzjoni ta' impjieg klandestin.

X'mhuwiex permess — eżempju

L-awtorità kontraenti tista' ma timponix esklużjoni kompleta u awtomatika ta' xi offerta li taqa' taħt proporzjon speċifikat (eż. 80 %) tal-prezz medju tal-offerti kollha li jkunu waslu.

⁷⁵ L-Artikolu 55 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2004/17/KE.

L-awtorità kontraenti tista' tistaqsi bil-miktub għal dettalji li tikkunsidra relevanti biex tevalwa offerta li tkun baxxa b'mod mhux normali. Dawn jista' jkollhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-impjegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Ma jidherx li dan huwa limitat biss għal talbiet għal dawn id-dettalji mingħand l-offerent biss. Fil-każ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, pereżempju, jista' jkun xieraq li tintalab informazzjoni mingħand it-trejdjunjins. Madankollu, fejn l-awtorità kontraenti ma tiksibx informazzjoni minn sorsi oħra, id-Direttivi dwar l-Akkwisti jeħtieġu li l-awtorità kontraenti 'tivverifika dawn l-elementi kostitwenti billi tikkonsulta mal-offerent, u tqis l-evidenza pprovduta.' Ir-regoli prattiċi dwar verifika bħal din mill-awtorità kontraenti huma regolati mil-liġi nazzjonali, u huwa mifhum li dawn ir-regoli għandhom jippermettu lill-offerent li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu.

Jekk l-inkjesta ssib li l-offerta tidher baxxa b'mod mhux normali, l-awtorità kontraenti tista' twarrabha (għalkemm id-Direttivi dwar l-Akkwisti ma jpoġġu l-ebda obbligu fuqha biex tagħmel dan). Madankollu, fl-Istati Membri li adottaw il-leġiżlazzjoni għal dan il-għan, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jkunu obbligati li jwarrbu l-offerti bħal dawn.

⁷⁵ L-Artikolu 55(1)(d) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 57(1)(d) tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁷⁶ L-Artikolu 55 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2004/17/KE.

3. Għoti ta' feedback lill-offerenti li ma ntgħażlux

L-awtorità kontraenti għandha tagħti feedback lill-offerenti hekk kif ikun ingħata l-kuntratt. Din tista' tkun opportunità utli biex b'mod ġenerali ssir taf aktar lill-offerenti li ma ntgħażlux u biex tagħti informazzjoni dwar il-politiki

tal-awtorità kontraenti b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali. Jekk l-offerent ma ntgħażilx sa ċertu punt minħabba li ma jkunx issodisfa l-kriterji soċjali, jista' jingħata dettalji dwar x'jista' jagħmel l-offerent biex ikollu aktar suċċess fil-futur.

Aġġudikazzjoni tal-kuntratt: evalwazzjoni tal-offerta — FIL-QOSOR

Stabbilixxi kriterji għall-aġġudikazzjoni: fejn jintgħażel il-kriterju tal-'l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġjuża', il-kriterji soċjali rilevanti jistgħu jiddaħħlu jew bħala punt ta' riferiment biex offerti soċjalment responsabbli jitqabblu ma' xulxin jew bħala mezz kif jiġi introdott element soċjali u dan jingħatalu ċerta importanza.

Kriterji soċjali (kif ukoll ekonomċi jew ambjentali) għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti għandhom:

- ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt;
- ma jagħtux libertà ta' għażla bla limitu fuq l-awtorità kontraenti;
- ikunu msemmija b'mod ċar fin-notifika tal-kuntratt u d-dokumenti għas-sejħa tal-offerti;
- ikunu konsistenti mal-liġi tal-UE (li tinkludi l-prinċipji fundamentali tat-TFUE: trasparenza, trattament ugwali u non-diskriminazzjoni);
- jgħinu biex jidentifikaw l-offerta li toffri l-aqwa valur għall-flus għall-awtorità kontraenti; u
- ikunu konsistenti mar-regoli rilevanti tad-Direttivi dwar l-Akkwisti.

Ikkunsidra jekk l-offerta hijiex 'baxxa b'mod anormali' għaliex l-offerent qiegħed jikser standards soċjali.

D) Eżekuzzjoni ta' kuntratt

L-ewwel ħaġa li trid tingħad hija li l-għoti ta' kuntratti ta' akkwisti pubbliċi għandhom dejjem isiru f'konformità mar-regoli obbligatorji applikabbli, li jinkludu r-regolamenti soċjali u tas-saħħa. Jekk, barra minn hekk, l-awtorità kontraenti tixtieq li kuntrattur jissodisfa miri soċjali addizzjonali⁷⁷, tista' tuża klawnsoli dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt għal dan il-għan.

Il-klawsoli dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt jisabbilixxu kif għandu jsir il-kuntratt. Jistgħu jiġu nklużi kunsiderazzjonijiet soċjali fil-klawsoli tal-esekuzzjoni tal-kuntratt, diment li (i) jkunu relatati mal-esekuzzjoni tal-kuntratt, (ii) jiġu ppubblikati fl-avviż tal-kuntratt u (iii) jkunu jikkonformaw mal-liġi tal-UE (inkluż il-prinċipji ġenerali tat-TFUE).

1. Regoli li jirregolaw il-klawsoli għall-esekuzzjoni tal-kuntratt

Klawnsoli għall-esekuzzjoni tal-kuntratt huma obbligati li jridu jiġu aċċettati mill-offerent rebbiegħ u li għandu jkollhom x'jaqsmu mal-esekuzzjoni tal-kuntratt. Fil-prinċipju, huwa għalhekk biżżejjed, għall-offerenti biex, meta jissottomettu l-offerti tagħhom, iwiegħdu li huma se jrin jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet jekk jingħatalhom il-kuntratt. Offerenti minn offerenti li ma jkunux aċċettaw kundizzjonijiet simili ma jkunux konformi mad-dokumenti tal-kuntratt u għalhekk ma jkunux jistgħu jiġu aċċettati⁷⁸. Madankollu, mhemmx bżonn li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jiġu ssodisfati saż-żmien li fih tintefa' l-offerta.

Meta l-istandards soċjali meħtieġa jitniżżlu bil-miktub fil-kuntratt, dawn għandhom jagħmlu ċari l-aspettattivi tal-awtorità pubblika. Approċċ rigoruż matul il-fażijiet tal-ippjanar u tal-għoti ta' kuntratti jagħmilha aktar faċli biex dawn l-intenzjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw l-immaniġjar tal-prestazzjoni, jitniżżlu f'termini spċifiċi.

Minkejja li l-klawsoli għall-esekuzzjoni tal-kuntratt la għandu jkollhom rwol f'li jiddeterminaw liema offerent jirbaħ il-kuntratt u lanqas għandhom ikunu speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt jew kriterji għall-għażla moħbija, huwa permess li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet addizzjonali tal-kuntratt, li huma separati mill-ispeċifikazzjonijiet, kriterji għall-għażla u kriterji tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt⁷⁹. Dawn jistgħu jinkludu kundizzjonijiet soċjali u ambjentali. Għalhekk, jekk l-awtorità kontraenti tixtieq li kuntrattur jilħaq miri soċjali li mhumiex relatati mal-ispeċifikazzjonijiet, tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet addizzjonali tal-kuntratt. Dawn jirrigwardaw l-esekuzzjoni tal-kuntratt biss.

Offerenti għandhom juru li l-offerti tagħhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, iżda ma għandhiex tintalab prova tal-konformità mal-klawsoli tal-esekuzzjoni tal-kuntratt waqt il-proċedura tal-akkwisti.

Barra minn hekk, klawnsoli dwar l-esekuzzjoni ta' kuntratt għandhom:

- ikunu relatati mal-esekuzzjoni tal-kuntratt

Dan ifisser li l-klawsoli dwar l-esekuzzjoni ta' kuntratt għandhom ikunu relatati mad-dmirijiet meħtieġa biex isiru l-prodotti/jiġu pprovduti s-servizzi/isiru x-xogħlijiet imfassla fl-offerta. Kundizzjoni ma tkunx marbuta mal-'esekuzzjoni' tal-kuntratt jekk, pereżempju:

- teħtieġ li l-kuntrattur jimpjega proporzjon determinat ta' ħaddiema b'diżabbiltà fuq kuntratt ieħor⁸⁰ jew tirrestrinġi dak li l-kuntrattur jista' jagħmel fuq kuntratt ieħor;
- teħtieġ li l-kuntrattur jikkontribwixxi finanzjament lejn pereż. il-bini ta' ċentru għal nies żvantaġġati;
- f'kuntratt ta' xogħlijiet titlob li l-kuntrattur jipprovdi servizzi ta' crèche għat-tfal tal-ħaddiema. Servizzi bħal dawn mhumiex relatati max-xogħol neċessarju għall-esekuzzjoni tax-xogħlijiet. Jekk l-awtorità

⁷⁷ Jiġifieri objettivi li jmorru oltre dawk stabbiliti mill-leġiżlazzjoni mandatorja applikabbli u li ma jirrelatawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji għall-għażla jew għall-kriterji għall-għoti ta' kuntratt.

⁷⁸ Is-sentenza tal-CJEU tat-22 ta' Ġunju 1992 fil-każ C-243/89 (Storebaelt) iddikjarat li awtorità kontraenti għandha twarrab offerenti li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tal-offerta biex tevita l-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti, li tinsab fil-qalba tad-Direttivi dwar l-Akkwisti.

⁷⁹ Il-każ Beentjes, sentenza tal-CJEU fil-każ 31/87.

⁸⁰ Madankollu, rekwiżit li jiġi mpjegat proporzjon ta' ħaddiema b'diżabbiltajiet għall-esekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni (u mhux għal kuntratt ieħor) jiġi marbut mal-esekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni.

kontraenti tixtieq takkwista servizzi bħal dawn, għandha tpoġġihom ukoll fis-sejħa għall-offerti.

- jigū ppublikati fl-avviż tal-kuntratt

Anki jekk il-klawsoli għall-esekuzzjoni ta' kuntratt huma kkunsidrati barra mill-proċedura biex jingħataw il-kuntratti, xorta jeħtieġ li jitfasslu b' mod ċar fis-sejħa għall-offerti. Offerenti għandhom ikunu jafu sew l-obbligi kollha stabbiliti fil-kuntratt u għandhom ikunu kapaċi jirriflettu dan fil-prezzijiet tagħhom⁸¹. L-offerent li jirbaħ il-kuntratt għandu jonora l-impenni li għamel fl-offerta tiegħu huwa u jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

- jikkonformaw mal-liġi tal-UE (inkluż il-prinċipji fundamentali tat-TFUE)

Pereżempju, il-kundizzjonijiet tal-kuntratt m'għandhomx ipoġġu fi żvantaġġ inġust lil kuntratturi potenzjali minn Stat Membru ieħor jew, b' mod aktar ġenerali, iwasslu għal trattament differenti bejn offerenti potenzjali. Madankollu, huwa ugwalment importanti, li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ikunu wkoll konformi mal-liġi inġenerali tal-UE, inkluż il-liġi soċjali tal-UE.

Fl-aħħar nett, l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għandhom, f'kull każ, iseħħu f'konformità mar-regoli applikabbli

kollha, li jinkludu regolamenti soċjali, tax- xogħol u tas-saħħa.

2. Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet soċjali li jistgħu jigū inklużi fil-klawsoli ta' esekuzzjoni ta' kuntratt

Il-premessi fid-Direttiva 2004/18/KE (b'differenzi minuri fid-Direttiva 2004/17/KE)⁸² jagħtu eżempji ta' kunsiderazzjonijiet soċjali li jistgħu jigū nklużi fil-klawżoli tal-esekuzzjoni tal-kuntratt:

'Jistgħu, b' mod partikolari, ikunu ntiżi biex jiffavorixxu t-taħriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjeg għan-nies li qed iġarrbu diffikultà biex jakkwistaw integrazzjoni, il-ġlieda kontra l-qgħad biex jimpjegaw nies li ilhom għal tul ta' żmien ifittxu x-xogħol jew biex jimplimentaw miżuri ta' taħriġ għal nies bla xogħol jew żgħażaġh, biex fis-sustanza jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)⁸³ bażiċi ... u biex jirreklutaw aktar persuni bi bżonnijiet speċjali'

Klawsoli għall-esekuzzjoni ta' kuntratt huma ġeneralment l-aktar istadju xieraq fil-proċedura biex jigū nklużi kunsiderazzjonijiet soċjali li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati fl-esekuzzjoni tal-kuntratt⁸⁴.

⁸¹ L-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 38 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁸² Premessa 33 tad-Direttiva 2004/18/KE u premessa 44 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁸³ Il-Konvenzjonijiet bażiċi tal-ILO li saret referenza għalihom fid-Direttivi dwar l-Akkwisti huma t-tmien kunċetti fil-qalba tal-Konvenzjonijiet tal-ILO li ġew ratifikati mill-Istati Membri kollha (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11 għal aktar dettalji).

⁸⁴ Kif spjegat fis-sezzjonijiet ta' qabel, kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema nvoluti fl-esekuzzjoni tal-kuntratt mhumiex speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji għall-għażla skont it-tifsira tad-Direttivi dwar l-Akkwisti. Barra minn hekk, minħabba li kunsiderazzjonijiet soċjali bħal dawn huma diffiċli biex jintrabtu mas-suġġett tal-kuntratt, ġeneralment ma jkunx possibbli li jkun nklużi fil-kriterji għall-għoti ta' kuntratt (ħlief bħala 'kriterju addizzjonali' biex issir id-differenza bejn żewġ offeriti ugwali, kif aċċettat mis-CJEU fil-każ C-225/98 u kif spjegat f'din is-sezzjoni 'L-għoti tal-kuntratt').

Il-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni tal-2001 tisħaq li 'Awtoritajiet kontraenti għandhom firxa kbira ta' possibiltajiet biex jiddeterminaw il-klawsoli kontraenti dwar il-kunsiderazzjonijiet soċjali' u telenka 'xi eżempji ta' kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi oħra li awtorità kontraenti tista' timponi fuq l-offerent rebbiegħ. Dawn huma:

- 'L-obbligu li jiġu rekrutati nies bla xogħol, jew li jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ għall-esekuzzjoni tal-kuntratt;
- L-obbligu li waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt, jimplimentaw miżuri mfasslin biex jipromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jew fost diversitajiet etniċi jew razzjali, jew jipprovdu aċċess ugwali għall-persuni b'diżabbiltajiet;
- L-obbligu li waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt, jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (bħall-projbizzjoni ta' xogħol sfurzati u x-xogħol magħmul mit-tfal) li huma ggarantiti mill-konvenzjonijiet prinċipali tal-ILO, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ma ġewx diġà implimentati fil-liġi nazzjonali;
- L-obbligu tar-reklutaġġ, għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, li jimpjegaw numru ta' persuni b'diżabbiltajiet 'l fuq minn dak li huwa stipulat bil-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istat Membru fejn il-kuntratt ikun esegwit jew fl-Istat Membru tal-offerent rebbiegħ.'

Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet u servizzi, fejn huwa possibbli li jiġi stabbilit il-mod kif il-kuntratt irid jiġi esegwit, jipprovdu l-aqwa opportunitajiet lil awtorità kontraenti sabiex tqis kwistjonijiet soċjali fil-klawsoli għall-esekuzzjoni ta' kuntratt. Jidher li huwa aktar diffiċli li jitbassru klawsoli kuntrattwali li jirrigwardaw il-mod ta' kif isiru kuntratti għall-provvisti, billi l-impożizzjoni ta' klawsoli li jeħtieġu bidla fl-organizzazzjoni, fl-istruttura jew fil-politika f'intrapriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tista' tiġi kkunsidrata diskriminatorja jew li tikkostitwixxi restrizzjoni inġusta tal-kummerċ.



Eżempji oħrajn:

L-Iżvezja: Kuntratt ta' kostruzzjoni mogħti mill-Amministrazzjoni tat-Toroq Nazzjonali fl-Isvezja jinkludi klawsola standard li tobligha lill-kuntratturi li waqt l-esekuzzjoni ta' kuntratti, dawn iridu jikkonformaw ma' ċerti konvenzjonijiet (prinċipali tal-ILO). Din l-istess klawsola teħtieġ li l-kuntrattur jikkonforma ma' ċerti rekwiżiti ta' rapportar imfasslin biex jiverifikaw li l-oġġetti u l-prodotti wżati fl-esekuzzjoni tal-kuntratt ikunu ġew prodotti f'ambjent protett skont ir-regoli tal-konvenzjonijiet msemmija. L-oġġetti li jinstabu li jkunu f'kunflitt ma' din id-dispożizzjoni għandhom jinbidlu a spejjeż tal-kuntrattur. Il-kuntrattur għandu jiżgura li s-sottokuntratturi jimxu mal-istess obbligi. Għandha titħallas penali għal kull ksar ta' dawn l-obbligi soċjali mill-kuntrattur.

Renju Unit: Fl-2004, Transport for London (TfL) ħejjiet programm mifruq fuq ħames snin b'investiment ta' £ 10 biljun biex tiffinanzja proġetti ta' kostruzzjoni fuq skala kbira f'Londra, li jinkludu estenzjoni tal-Linja Ferrovjarja fil-Lvant ta' Londra. L-ugwaljanza u l-inklużjoni kienu meqjusin bħala li huma l-qalba ta' dak il-programm u integrali għall-għoti tal-kuntratti. Il-Proġett tal-Linja Ferrovjarja tal-Lvant ta' Londra (ELLP) kien stmat li jlaħħaq £ 500 miljun għax-xogħlijiet prinċipali u £ 350 miljun għall-ferroviji u għall-isservisjar tat-trenijiet.

L-istrateġija għall-proġett stabbilixxiet l-oġġettivi li jintużaw konnessjonijiet imtejba tat-trasport biex tiġi stimolata r-riġenerazzjoni ekonomika f'żoni madwar l-estensjoni, li tinkludi wħud miż-żoni l-aktar fqar ta' Londra. F'dawn iż-żoni jgħixu għadd ta' komunitajiet kulturalment u ekonomikament diversi, li jiffaċċjaw livelli għoljin ta' qgħad u ta' esklużjoni soċjali. Kien hemm ukoll il-ħtieġa li waqt il-fażi ta' kostruzzjoni titrawwem relazzjoni pożittiva fost il-komunità biex ikun minimizzata l-impatt tal-attività tal-kostruzzjoni u biex jinħoloq ambjent pożittiv għall-operat tal-linja l-ġdida tal-ferrovija. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċikostanzi, l-ugwaljanza u l-inklużjoni kienu identifikati bħala ż-żewġ oġġettivi soċjali ewlenin. Għalhekk, TfL introduċiet sett ta' rekwiżiti għall-offerenti biex jiġu implimentati waqt l-esekuzzjoni tal-proġett: politika ta' ugwaljanza għall-proġett, pjan ta' taħriġ fuq id-diversità għall-persunal li jkun qed jaħdem fuq il-proġett u pjan fir-rigward tad-diversità għall-fornituri (biex ikun żgurat li fornituri diversi setgħu jittgħu l-offerta għall-opportunitajiet ta' sottokuntrattar li nħolqu minħabba l-proġett). Dawn ir-rekwiżiti kienu inkorporati fis-sejħa għall-offerti u fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

L-inkorporazzjoni ta' rekwiżiti soċjali fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt għandhom, fil-prattika, jiġu bilanċjati kontra l-possibbiltà tal-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt, biex ma jiġdiedux rekwiżiti addizzjonali li ma jistgħux (jew ma jkunux) immonitorjati b'mod effettiv. Dan jimplika l-immaniġjar ta' kuntratt u l-konformità tal-monitoraġġ.

3. Konformità mal-qafas legali nazzjonali dwar l-impjegji

Iż-żewġ Direttivi dwar l-Akkwisti ⁸⁵ jagħmluha ċara li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-ftehimiet kollettivi, li huma

fis-seħħ fl-oqsma tal-kundizzjonijiet tal-impjeg u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-UE, japplikaw waqt l-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku, sakemm dawn ir-regoli, u l-mod ta' kif inhuma applikati, jikkonformaw mal-liġi tal-UE⁸⁶.

Xi eżempji tal-mod kif l-Istati Membri ttrattaw din il-kwistjoni kienu internament kontroversjali fl-Istati Membri. Eżempju wieħed huwa l-każ Ruffert⁸⁷.

Trid tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja li din is-sentenza ngħatat f'kuntest ta' kuntratt għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, din ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-possibbiltajiet offruti mid-Direttivi dwar l-Akkwisti biex tqis kunsiderazzjonijiet soċjali fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Dan jiċċara biss li kunsiderazzjonijiet soċjali

Eżempju:

Ħaddiema mħaddma fl-UE: il-każ Ruffert

Il-Liġi ta' Niedersachsen (it-territorju tan-Nofsinhar tas-Sassonija) dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, semmiet, fost affarijiet oħra, li kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi jistgħu jingħataw biss lill-kuntratturi li jggarantixxu bil-miktub li jħallsu l-impjegati tagħhom għallinqas il-ħlas stipulat fil-ftehim kollettiv (reġjonali) applikabbli. Il-kuntrattur għandu wkoll jggarantixxi li jimponi l-istess obbligi fuq is-sottokuntratturi u li jiċċekkja li dawn jimxu magħhom. Nuqqas ta' konformità ma' din il-garanzija kienet qed twassal għal ħlas ta' penali kuntrattwali.

Il-legalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet kienet ikkontestata quddiem qorti reġjonali Ġermaniża fir-rigward tal-esekuzzjoni ta' kuntratt għal xogħlijiet bejn l-awtorità kontraenti Ġermaniża u l-kumpanija Objekt und Bauregie (O&B) biex jinbena l-ħabs Göttingen-Rosdorf. L-awtorità kontraenti kienet waqqfet il-kuntratt u fittxet lil O&B għall-ħlas ta' penali kuntrattwali, għaliex instab li s-sottokuntratturi Pollakki ta' O&B kienu qed iħallsu lill-ħaddiema impjegati fis-sit ta' kostruzzjoni fil-Ġermanja 46.57% biss tal-paga minima stipulata fil-ftehim kollettiv applikabbli.

Inċerta mil-legalità ta' din id-dispożizzjoni li tistipula penali kuntrattwali, il-qorti reġjonali Ġermaniża rreferiet din il-kwistjoni lis-CJEU għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-aspetti tal-liġi tal-UE rilevanti għal dan il-każ.

Is-CJEU saħqet li l-ftehim kollettiv ma kienx ġie ddikjarat applikabbli universalment (għalkemm il-Ġermanja kellha sistema li tiddikjara li ftehimiet kollettivi għandhom applikazzjoni universali) u kopriet parti biss mis-settur tal-kostruzzjoni, minħabba li l-liġi rilevanti li tagħmel il-ftehim kollettiv 'Bini u xogħlijiet pubbliċi' vinkolattiv kienet tapplika biss għal kuntratti pubbliċi u mhux għal kuntratti privati. Għalhekk, il-paga minima mniżżla fil-ftehim kollettiv 'Bini u xogħlijiet pubbliċi' ma kinitx skont waħda mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema ("Direttiva dwar l-impjeg ta' ħaddiema")^{*}.

Bħala konklużjoni, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Ruffert sabet li d-dispożizzjonijiet imsemmija kienu mhux kompatibbli mad-Direttiva dwar l-impjeg ta' ħaddiema.

* Direttiva 96/71/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas tal-għoti ta' servizzi.

⁸⁵ Premessa 34 tad-Direttiva 2004/18/KE u premessa 45 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁸⁶ Eżempju ta' konformità bħal din mal-liġi tal-UE huwa l-ħtieġa li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 96/71/KE, dwar l-impjeg ta' ħaddiema, f'kuntratti pubbliċi li jinvolvu sitwazzjonijiet transkonfinali, fejn ħaddiema minn Stat Membru jagħtu servizz fi Stat Membru ieħor minħabba l-bżonn li jiġi esegwit kuntratt pubbliku.

⁸⁷ Is-sentenza tas-CJEU fil-każ C-346/06 (Dirk Ruffert vs. Land Niedersachsen).

(fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi) fir-rigward tal-ħaddiema impjegati għandhom jikkonformaw ukoll mal-liġi tal-UE, b'mod partikolari mad-Direttiva dwar l-impjieg ta' ħaddiema⁸⁸.

Id-Direttivi dwar l-Akkwisti jipprovdu li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jindirizzaw il-protezzjoni tal-impjieg f'żewġ modi speċifiċi waqt il-proċess tas-sejnhiet għall-offerti:

L-ewwel nett, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddikjaraw fid-dokumenti tal-kuntratt minn fejn l-offerenti jistgħu jgħibu l-informazzjoni dwar l-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, reġjun jew lokalità fejn ikun sejjer isir ix-xogħol jew fejn ikun sejjer jiġi pprovdut is-servizz⁸⁹.

It-tieni nett, kull awtorità kontraenti li tagħti din l-informazzjoni għandha titlob lill-offerenti biex jindikaw li meta ppreparaw l-offerta, huma taw każ tal-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-impjieg⁹⁰ u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li huma fis-seħħ fil-post fejn ikun sejjer isir ix-xogħol jew fejn sejjer jiġi pprovdut is-servizz⁹¹. L-għan ta' dan jorbot mal-biża' li sottokuntratturi jistgħu jippruvaw inaqqsu l-livell ta' protezzjoni tagħhom biex ikun jistgħu jifgħu offerta aktar baxxa.

4. Il-ġestjoni tal-katina tal-provvisti

Fil-klawsoli tal-esekuzzjoni tal-kuntratt, awtoritajiet kontraenti jistgħu jinkludu wkoll konsiderazzjonijiet soċjali għas-sottokuntratturi dwar, pereżempju, projbizzjoni ta' xogħol magħmul mit-tfal u xogħol sfurzat, kundizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà, obbligi ta' paga minima, kundizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali u b'mod aktar ġenerali standards diċenti tax-xogħol. Xi awtorita-



Eżempju:

Ville de Paris: L-uffiċċju tal-ilbies tal-kunsill tal-belt ta' Pariġi jrid jipprovdi l-bies għad- 29 000 impjegat tiegħu. Dan l-uffiċċju huwa inkarigat minn 300 000 oġġett ta' l-bies u minn 300 ordni kull sena. Dan integra konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali fil-proċeduri tax-xiri tiegħu. Konformi mal-impenn soċjali tiegħu, il-kunsill tal-belt ta' Pariġi jitlob lill-fornituri tiegħu li jiffirmaw dikjarazzjoni fejn huma jimpenjaw ruħhom li waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt, jirrispettaw ċerti drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol (li tinkludi referenza ċara għall-età minima tal-ħaddiema), bħal dawk imsemmija fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Il-kunsill tal-belt ta' Pariġi jitlob ukoll li l-fornituri tiegħu jkunu soġġetti għal kontrolli minn korp indipendenti maħtur mill-kunsill tal-belt u li jimplementaw kull rakkomandazzjoni magħmula bħala riżultat ta' dawn il-kontrolli.

jiet kontraenti bdew jinkludu wkoll klawsoli li jitolbu li s-sottokuntratturi jkunu konformi mal-projbizzjonijiet ta' xogħol magħmul mit-tfal u xogħol sfurzat, f'każijiet fejn hemm il-possibilità li l-katina tal-provvista tkun tinvolvi produzzjoni jew ipproċessar fejn jinstabu dawn il-problemi.

Dan għandu implikazzjonijiet partikolari fuq negozjati fi u ma' pajjiżi barra mill-UE. Pereżempju, awtoritajiet għall-

⁸⁸ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

⁸⁹ Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/18/KE.

⁹⁰ Inkluż li dispożizzjonijiet bħal dawn jikkonformaw mal-liġijiet kollha relevant tal-UE.

⁹¹ Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/18/KE.

għoti ta' kuntratti pubbliċi huma dejjem aktar mħassba fuq il-legalità u s-sostenibilità tal-injam, speċjalment meta jiġi importat minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jiffaċċaw diffikultajiet partikolari f'dan il-qasam. Huwa dejjem aktar rikonoxxut li l-forestrija legali u sostenibbli tinkludi mhux biss kriterji ekonomiċi u ambjentali, iżda wkoll kriterji soċjali (bħall-pagi u kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol, kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà, u r-rispett lejn iż-żamma tal-art u d-dritt tal-użu ta' komunitajiet lokali u indiġini).

Meta rekwiżiti bħal dawn huma imposti wkoll fuq is-sotokuntratturi, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitolbu lill-kuntrattur prinċipali biex jagħti prova ta' konformità, permezz ta' referenza għal skemi ta' ċertifikazzjoni speċifiki (fejn ikunu jeżistu skemi bħal dawn) jew permezz ta' mezzi oħra li wieħed jista' jorbot fuqhom⁹².

Pereżempju, fil-kamp tal-forestrija, ġew żviluppati bosta skemi ta' ċertifikazzjoni biex jipprovdu verifiki indipendenti li sors tal-injam jissodisfa ċertu standards ta' sostenibilità (inkluż kriterji ambjentali u soċjali). Minkejja dan, skemi bħal dawn ma għandhomx jitqiesu bħala l-uniku mezz li jagħti prova li l-injam huwa sostenibbli għalix forom ekwivalenti oħra ta' evidenza għandhom jiġu aċċettati wkoll.

5. Ġestjoni tal-kuntratt u monitoraġġ tal-konformità

Is-sistema tal-ġestjoni tal-prestazzjoni sejra tistabbilixxi t-termini biex tevalwa l-prestazzjoni u t-teħid tal-azzjoni. Dan jista' jfisser li kuntratturi jiġu ppremjati għal prestazzjoni tajba, u li tiġi indirizzata prestazzjoni dgħajfa jew ħidma kollettiva sabiex jitjiebu r-riżultati. Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jsarrfu l-oġġettivi f'miri li jistgħu jitkejlu u jistipulaw x'ikun jikkostitwixxi livell aċċettabli ta' prestazzjoni. Arranġamenti għall-monitoraġġ għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta x-xierqa tal-prestazzjoni u li din tiġi analizzata b'mod effettiv. Il-kundizzjonijiet tal-ħlas (li għandhom jiġu speċifikati fil-

kuntratt) joffru l-bażi biex jiġi żgurat li l-kuntrattur itemm il-kuntratt b'suċċess skont l-istandards meħtieġa. Jistgħu jipprovdu disinċentivi finanzjarji għal prestazzjoni dgħajfa u iċċentivi meta jinqabżu l-miri tal-linja bażi. Dawn il-kundizzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu ġew ippubblikati diġà fl-avviż tal-kuntratt.

L-impetus għal dan it-titjib fis-servizz jista' jiġi minn riżultati dgħajfa tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jew minn sensazzjoni li, filwaqt li l-miri jkunu qegħdin jintlaħqu, ir-riżultati jistgħu jkunu aħjar. B'mod jew ieħor, il-kuntrattur u l-klijent iridu jifhmu x'qed joħloq il-livelli ta' prestazzjoni attwali u għandhom jiftiehem fuq kif jistgħu jtejbu r-riżultati. Nuqqas persistenti mill-kuntrattur għandu jwassal biex jissegħaħ skur tal-kundizzjonijiet ta' kuntratt, għalkemm kull azzjoni li tittieħed trid tkun raġonevoli. Bl-istess mod, l-analiżi tista' twassal għal varjazzjonijiet kuntrattwali, iddisinjar mill-ġdid jew l-innovazzjoni tas-servizz.

Eżempju:

Renju Unit: Biex itejjeb is-servizzi tal-catering tal-isptar għall-Awtorità tas-Saħħa tal-Irlanda ta' Fuq, il-caterer ikkuntrattat jagħmel s'ħarrig annwali tas-sodisfazzjon tal-pazjenti u janalizza d-dejta skont l-età, l-oriġini etnika u s-sess tal-persuna. L-Awtorità bdiet ukoll valutazzjoni tas-servizz tal-ikel wara li fl-istampa ħarġu rapporti ta' malnutrizzjoni fl-iswali ġerjattriċi. Din il-kombinazzjoni ta' evidenza tat bidu għal varjazzjonijiet kuntrattwali biex jitjieb is-servizz fis-sala ġerjattrika permezz ta' għajjnuna waqt it-tmiġ tal-pazjenti.

Eżempju:

Franza: L-Istituzzjonijiet pubbliċi resposabbli mill-inkużjoni soċjali kienu strumentali fl-implimentazzjoni tal-klawsoli soċjali fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi, pereżempju billi pprovdew assistenti biex jgħinu lill-offerenti rebbieħa jamministraw lill-ħaddiema nvoluti fi triq ta' nkużjoni, u jistgħu jaġixxu wkoll ta' ċertifikaturi tal-konformità soċjali. Pereżempju, l-*Agglomération de Rouen* użat fondi mill-Fond Soċjali tal-UE biex tikkofinanzja l-impjeg ta' manijer tal-proġett resposabbli mill-implimentazzjoni tal-klawsoli għall-inklużjoni soċjali fid-diversi kuntratti dwar l-akkwisti konklużi. Il-Muniċipalitè ta' Arles għażlet li timpjega konsulent legali speċjalizzat biex jabbazza u jamministra dokumenti dwar l-akkwisti bi klawsoli soċjali.

⁹² L-awtoritajiet kontraenti għandhom dejjem jippermettu lill-kuntratturi sabiex jissomettu mezz ta' provi alternattivi (bħal ċertifikati maħruġa minn awtorità pubblika jew minn terzi partijiet, rapporti ta' verifika minn terzi partijiet, kopji tal-kuntratti tal-impjeg, kopji tad-dokumenti kollha rilevanti, evidenza ta' żjarat ta' osservazzjoni, eċċ.). Madanakollu, jista' jkun li l-awtorità kontraenti jkollha bżonn provi addizzjonali jekk l-evidenza ssottomessa inizjalment mill-kuntrattur tidher (fiċ-ċirkostanzi tal-każ) insuffiċjenti jew waħda li ma tistax toqgħod fuqha.

'Kultura ta' sħubija' għandha tkun il-bażi tal-ġestjoni tal-kuntratt. Il-klijenti u l-kuntratturi jistgħu jamministraw ir-riskji u jiksbu l-aqwa riżultati bl-għajjnuna biss ta' xogħol ta' tim li jkollu immaġinazzjoni u li jkun iddedikat. B'mod ġenerali, l-aqwa kuntratturi jirreaġixxu tajjeb f'relazzjo-

nijiet bħal dawn, u b'mod volontarju jidħlu għal impenji addizzjonali, bħal: programmi ta' ħiliet bażiċi, innovazzjoni ambjentali, jew joffru appoġġ lil ditti kummerċjali matul il-katina ta' provvisti tagħhom.

Kundizzjonijiet tal-kuntratt, l-amministrazzjoni tal-kuntratt u l-monitoraġġ tal-kuntratt — FIL-QOSOR

B'mod ġenerali, il-klawsoli dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt huma l-aktar stadju xieraq tal-proċedura biex jiġu nklużi konsiderazzjonijiet soċjali relatati mal-impjeg u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema nvoluti fl-esekuzzjoni ta' dan il-kuntratt.

Agħmel żgur li l-klawsoli tal-esekuzzjoni tal-kuntratt huma:

- relatati mal-esekuzzjoni tal-kuntratt;
- konsistenti ma' li jintlaħaq l-aqwa valur għal flus;
- inklużi mad-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti; u
- kompatibbli mal-liġi tal-UE (inkluż il-prinċipji fundamentali tat-TFEU).

Agħmel żgur li konformità mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jiġu mmonitorjati b'mod effettiv.

Aħdem bi sħab mal-fornitur biex tamministra l-prestazzjoni u timmassimizza s-seħħ tal-oġġettivi u l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Żomm reġistru xieraq dwar il-prestazzjoni tal-fornituri, il-kuntratturi u l-fornituri tas-servizz.

Uża klawsoli għall-varjanzi biex tipprevedi bidliet fil-kuntratt li maż-żmien jista' jkun hemm bżonn, sakemm dawn ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwisti u mal-prinċipju ta' trasparenza.

Aħdem mal-fornituri għal titjib kontinwu — fuq bażi volontarja — u żomm ruħek aġġornat/a ma' żviluppi fis-suq iġenerali. B'mod partikolari, aħdem mal-fornituri biex tiffaċilita konformità mal-prinċipji ta' xogħol diċenti u r-responsabbilita soċjali tal-intrapriżi matul il-katina ta' provvisti.

Il-Kummissjoni Ewropea

Xiri soċjali – Gwida sabiex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 49 pp. — 21 × 29,7 cm

ISBN 978-92-79-18396-6

doi:10.2767/18285

L-akkwist pubbliku jammonta għal madwar 17% tal-prodott gross domestiku tal-UE. Għalhekk, l-influenza ta' dan is-settur f'oqsma bħall-politika soċjali hija konsiderevoli. Bil-Gwida dwar il-Kunsiderazzjoni tal-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwist Pubbliku, il-Kummissjoni Ewropea timmira li tikkapitalizza fuq dan billi (a) tqajjem għarfien fost l-awtoritajiet kontraenti dwar il-benefiċċji meta jagħżlu oġġetti u servizzi li jagħtu eżiti soċjali tajbin u (b) tispjega l-opportunitajiet offruti mill-qafas legali eżistenti tal-UE biex jiġu kkunsidrati l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku. Il-Gwida tiddefinixxi l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP - socially responsible public procurement) qabel tispjega l-benefiċċji tiegħu. Din tħares lejn l-SRPP fir-rigward tal-mudell soċjali tal-UE u l-approċċ legali u tal-politika lejn is-suġġett fl-Unjoni. Il-Gwida telabora wkoll strateġija għall-SRPP u tispjega kif jiġu identifikati l-bżonnijiet u jiġu ppjanati l-proċeduri għall-akkwist. Il-Gwida tispjega wkoll, minn perspettiva legali, kif il-kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jiġu indirizzati fl-istadji differenti tal-proċess tal-akkwisti (mid-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għażla, għall-għoti ta' kuntratti u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni sussegwenti). Qegħdin jiġu pprovduti eżempji nazzjonali biex juru l-passi differenti fi ħdan il-proċess.

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli f'sura elettronika fl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE.

GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Jinteressawk il-**pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjigi,
l-Affarjiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistiednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika *Social Europe*
tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>



www.facebook.com/socialeurope



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoniji

ISBN 978-92-79-18396-6



9 789279 183966